RAPPORT SPEĊJALI 24/2025 **MT**

# L-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' Koeżjoni

## Fondi li jiġu rimborżati jerġgħu jintużaw parzjalment



CURIA RATIONUM

QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

# Werrej

Paragrafu


## 01–14 | Messaġġi prinċipali 01

**01–05 | Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?**

**06–14 | X'sibna u x'nirrakkomandaw**

## 15–64 | Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna 02

**15–37 | Il-potenzjal tal-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni għal użu aktar kontinwu tal-finanzjament mhuwiex sfruttat bis-sħiħ**

17–27 | Ir-rimborżi jerġgħu jintużaw b'mod limitat ħafna matul il-perjodu ta' eliġibbiltà

28–37 | L-Istati Membri u r-reġjuni jużaw fondi li jintirtu għal skopijiet ta' politika ta' koeżjoni, għalkemm b'xi limitazzjonijiet

**38–64 | Il-qafas għall-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni ma jinċentivax l-użu mill-ġdid**

39–51 | Il-qafas legali mhuwiex ċar u espliċitu biżżejjed biex jimmassimizza l-użu mill-ġdid tar-rimborżi

52–60 | Il-Kummissjoni ma ssorveljatx l-użu mill-ġdid tar-rimborżi tal-istrumenti finanzjarji

61–64 | L-Istati Membri jindirizzaw l-obbligu tal-użu mill-ġdid sa ċertu punt, iżda l-ftehimiet ta' finanzjament ġeneralment ma jagħtux inċentivi għall-investiment mill-ġdid

# Annessi

Anness I — Dwar l-awditu

Anness II — Dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' finanzjament dwar l-użu mill-ġdid wara l-perjodu ta' eliġibbiltà (fondi li jintirtu), strumenti finanzjarji fit-tliet perjodi kollha

Anness III — Dispożizzjonijiet għall-użu mill-ġdid fir-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Komuni għall-perjodi 2007–2013, 2014–2020 u 2021–2027

Anness IV — Lista tal-istrumenti finanzjarji awditjati

# Abbrevjazzjonijiet

# Glossarju

# Risposti tal-Kummissjoni

# Kronoloġija

# Tim tal-awditjar

01

# Messaġġi prinċipali

## Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?

01 Fil-politika ta’ koeżjoni tal-UE, il-finanzjament tradizzjonalment jiġi pprovdut fil-forma ta’ għotjiet ta’ darba biss li ma jkunux ripagabbli. L-istrumenti finanzjarji huma forma alternattiva ta’ appoġġ. Bis-saħħa tagħhom, il-fondi tal-UE jiġu allokati lil riċevituri finali permezz ta’ prodotti finanzjarji biex jindirizzaw fallimenti tas-suq. Huma jippermettu lill-awtoritajiet maniġerjali nazzjonali jipprovdu appoġġ ripagabbli, aktar milli għotjiet. Billi r-rimborżi jistgħu jintużaw biex jiġu appoġġati riċevituri finali addizzjonali, l-istess fondi pubbliċi jistgħu jintużaw aktar minn darba biex jintlaħqu objettivi tal-politika ta’ koeżjoni permezz ta’ proġetti sodi. Huma adatti l-aktar fejn l-investimenti x’aktarx jiġġeneraw biżżejjed redditi finanzjarji jew tfaddil li jistgħu jintużaw biex jitħallas lura l-appoġġ riċevut. L-użu ta’ strumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta’ koeżjoni sar aktar mifrux mill-perjodu 2007–2013 ’il quddiem, espanda ulterjorment fil-perjodu 2014–2020, imbagħad naqas kemxejn għall-perjodu 2021–2027. L-appoġġ permezz ta’ strumenti finanzjarji ġej prinċipalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-Fond ta’ Koeżjoni.

02 L-istrumenti finanzjarji jitqiesu li jsaħħu l-effiċjenza tal-finanzjament pubbliku minħabba n-natura ***potenzjalment rotanti*** tagħhom. Dan ifisser li r-rimborżi li jinġabru mir-riċevituri finali (eż. self li jħallsu lura) jistgħu jerġgħu jintużaw biex jiġi pprovdut appoġġ simili lil riċevituri finali oħra. Ir-rekwiżit għar-riċevituri finali biex iħallsu lura l-appoġġ li jkunu rċevew huwa meqjus bħala inċentiv għalihom biex ***jimmaniġġjaw il-finanzi tagħhom b’mod sod***, eż. ippjanar u investimenti ta’ kwalità aħjar, u dixxiplina finanzjarja akbar. L-istrumenti finanzjarji għandhom ukoll il-potenzjal li ***jiġġeneraw effett ta’ ingranaġġ*** billi jattiraw aktar finanzjament privat jew pubbliku. Il-*Figura 1* turi t-tipi differenti ta’ strumenti finanzjarji.

## Figura 1 | Tipi ta' strumenti finanzjarji




*Sors:* il-QEA, abbażi tal-FI-Compass.

**03** L-ammonti totali impenjati għall-istrumenti finanzjarji kienu ta' EUR 16.9-il biljun għall-perjodu 2007–2013, li telgħu għal EUR 31.0 biljun għall-perjodu 2014–2020, u mbagħad reġgħu niżlu għal EUR 19.4-il biljun għall-perjodu 2021–2027. Bl-esklużjoni tar-riallokazzjoni ta' fondi li kienet dovuta għall-pandemija tal-COVID-19, madwar 5 % tal-baġit ta' koeżjoni twassal permezz ta' strumenti finanzjarji matul it-tliet perjodi. L-Istati Membri kollha tal-UE, minbarra l-Irlanda u l-Lussemburgu, użaw strumenti finanzjarji.

**04** Il-qafas legali għall-istrumenti finanzjarji jippermetti lill-Istati Membri jżommu riżorsi li ntużaw minn tal-inqas darba matul il-perijodu ta' eliġibbiltà. Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali jeħtiġilhom ***jerġgħu jużaw*** ir-rimborżi li jaslu lura mingħand ir-riċevituri finali fi strumenti finanzjarji kemm ***matul kif ukoll wara l-perjodi ta' eliġibbiltà***, għalkemm japplikaw regoli differenti.

05 L-objettiv tal-awditu li wettaqna kien li nivvalutaw jekk wieħed mill-benefiċċji prinċipali tal-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni — jiġifieri l-potenzjal tagħhom għall-użu rotanti u għalhekk aktar kontinwu ta' dawn il-fondi pubbliċi — immaterjalizzax fil-prattika, u sa liema punt. Aħna bbażajna l-konklużjonijiet tagħna fuq ir-rieżami li wettaqna ta' kif il-***qafas legali*** għall-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni jinċentiva l-użu mill-ġdid tar-***rimborżi***, u kif dawn ***intużaw fil-prattika*** għal kampjun ta' 90 strument finanzjarju f'5 Stati Membri (il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja u s-Slovakkja). L-awditu għandu l-għan li jinforma t-tħejjija tal-perjodu ta' wara l-2027, għal użu mill-ġdid ottimizzat ta' strumenti finanzjarji eżistenti kif ukoll ta' strumenti ġodda li ġew stabbiliti fit-tieni nofs tal-perjodu attwali. Dan billi jidentifika r-raġunijiet għaliex l-użu mill-ġdid għadu mhuwiex biżżejjed, u modi kif dan jitħeġġeġ aktar. Għal aktar informazzjoni ġenerali, u dettalji dwar l-ambitu u approċċ tal-awditjar, ara l-***Anness I***.

## X'sibna u x'nirrakkomandaw

06 Aħna nikkonkludu li fil-prattika l-effett rotanti nkiseb parzjalment, għalkemm il-potenzjal sħiħ tiegħu ma ntlaħaqx. Matul il-perjodu ta' eliġibbiltà, l-użu mill-ġdid tar-rimborżi fi strumenti finanzjarji huwa limitat minħabba fatturi bħall-pressjoni ta' assorbiment fuq l-awtoritajiet maniġerjali, in-natura għal żmien twil tal-investimenti, il-prijoritajiet biex jiġu attirati investituri privati, jew fatturi esterni. Wara li jagħlaq il-perjodu ta' eliġibbiltà, il-fondi li jintirtu ġeneralment jerġgħu jintużaw għall-iskopijiet tal-politika ta' koeżjoni, iżda l-qafas legali jippermetti li dawn il-fondi jiġu riallokati bħala għotjiet, ħaġa li tfixkel l-effett rotanti. Għalkemm il-qafas legali jinkludi l-obbligu ta' użu mill-ġdid, aħna sibna li ma kienx ċar u espliċitu biżżejjed biex jimmassimizza l-użu mill-ġdid tar-rimborżi. Flimkien man-nuqqas ta' sorveljanza effettiva min naħa tal-Kummissjoni, dan iwassal għal livelli ta' impenn li jvarjaw minn awtorità maniġerjali għal oħra.

### Il-potenzjal tal-istrumenti finanzjarji taħt il-politika ta' koeżjoni għal użu aktar kontinwu tal-finanzjament mhuwiex sfruttat bis-sħiħ

07 Aħna sibna li **matul il-perjodu ta' eliġibbiltà l-fondi jerġgħu jintużaw b'mod limitat**. Matul il-perjodu ta' eliġibbiltà, mill-61 strument finanzjarju li awditjajna, 12 biss użaw minn tal-inqas xi ftit mir-rimborżi biex jappoġġaw investimenti ulterjuri. Waħda mir-raġunijiet prinċipali hija l-pressjoni fuq l-awtoritajiet maniġerjali biex l-ewwel jassorbu kompletament l-allokazzjonijiet mill-programm li jingħataw fi strumenti finanzjarji. Dan biex jevitaw li jintilfu l-fondi disponibbli mill-baġit tal-UE. Din il-problema hija aktar prevalenti meta l-istrumenti finanzjarji jiġu stabbiliti tard, jew meta lill-istrumenti jiġi allokat finanzjament addizzjonali permezz ta' supplimenti (il-paragrafi *17*–*22*).

08 Rata baxxa ta’ użu mill-ġdid matul il-perjodu ta’ eliġibbiltà hija wkoll konsegwenza naturali tan-natura għal żmien medju jew għal żmien twil tal-investimenti (potenzjalment estiżi b’perjodi ta’ grazzja), li jillimita l-ammont ta’ rimborżi disponibbli għall-użu mill-ġdid. Raġuni ewlenija oħra hija li l-awtoritajiet maniġerjali, minflok jitolbu lill-maniġers tal-fondi biex jerġgħu jużaw ir-rimborżi awtomatikament, kultant jistennew li jakkumulaw ir-rimborżi qabel jiddeċiedu kif għandhom jintużaw. Għalkemm dan jista’ jgħin biex l-użu mill-ġdid jiġi allinjat ma’ ħtiġijiet emerġenti, żviluppi tas-suq u bidliet fl-ambjent politiku, huwa jnaqqas il-possibbiltà għar-rimborżi li jgħinu aktar riċevituri finali. Raġuni oħra hija l-għoti ta’ prijorità lill-ksib ta’ ingranaġġ billi jiġu attirati investituri privati addizzjonali, aktar milli l-użu mill-ġdid tar-rimborżi (il-paragrafi ***23***–***27***).

09 Sibna wkoll li d-depożitu ta’ fondi li jkunu ġew imħallsa lura matul il-perjodu f’kontijiet tat-teżor biex tiġi appoġġata l-likwidità nazzjonali jew biex jiġi ġġenerat l-imgħax, naturalment jipprevieni l-użu mill-ġdid tagħhom (il-paragrafu ***25***).

10 Fir-rigward **tal-użu mill-ġdid ta’ ammonti wara li jkun għalaq il-perjodu ta’ eliġibbiltà (fondi li jintirtu)**, sibna li **l-Istati Membri u r-reġjuni jużaw il-fondi** għall-iskopijiet tal-politika ta’ koeżjoni, **kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni**, **għalkemm b’xi limitazzjonijiet**. Għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2007–2013, il-fondi li jintirtu reġgħu ntużaw għall-istrumenti finanzjarji kollha inklużi fil-kampjun tagħna, ħlief wieħed. Il-fondi reġgħu ntużaw fl-istess strumenti finanzjarji, biex jiġu stabbiliti strumenti ġodda għall-perjodu 2014–2020, bħala kofinanzjament nazzjonali għal strumenti finanzjarji ġodda fl-ambitu tal-politika ta’ koeżjoni, jew biex ikopru l-kostijiet u t-tariffi ta’ ġestjoni. Billi l-qafas legali ma jirrikjedix li l-fondi jerġgħu jintefqu f’forma ripagabbli, xi awtoritajiet maniġerjali jużawhom bħala għotjiet. Filwaqt li dan, legalment, huwa possibbli, jeskludi kwalunkwe effett rotanti ulterjuri (il-paragrafi ***28***–***37***).

## Il-qafas stabbilit għall-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta’ koeżjoni ma jinċentivax l-użu mill-ġdid

11 Aħna vvalutajna li l-oqfsa legali li jkopru t-tliet perjodi ta’ rappurtar mhumiex ċari u espliċiti biżżejjed biex jimmassimizzaw l-użu mill-ġdid tar-rimborżi. Għalkemm l-obbligu ta’ użu mill-ġdid huwa stipulat għat-tliet perjodi kollha, id-dispożizzjonijiet kienu pjuttost ġenerali għall-perjodu 2007–2013. Żdiedet aktar preċiżjoni għall-perjodu 2014–2020, u r-regolament korrispondenti kkjarifika ċerti aspetti importanti (ara l-***Anness I***). Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet legali ġew issupplimentati bi gwida konsiderevoli għall-awtoritajiet maniġerjali. Għall-perjodu attwali (2021–2027), il-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjonijiet huma ċari biżżejjed u ddeċidiet li ma toħroġx gwida oħra (il-paragrafi ***38***–***51***).

12 Sibna li d-dispożizzjonijiet komuni (CPRs) għall-perjodu 2014–2020 u l-perjodu 2021–2027 iħallu lill-Istati Membri jerġgħu jużaw ir-riżorsi li jkunu tħallsu lura wara l-perjodu ta' eliġibbiltà (fondi li jintirtu) biex jipprovdu għotjiet lill-benefiċjarji, minflok jerġgħu jużawhom permezz ta' strumenti finanzjarji attwaliestiżi jew ġodda. Filwaqt li dan jista' jiġi ġġustifikat f'każijiet speċifiċi, mhuwiex konsistenti mal-prinċipju tal-effett rotanti billi jelimina kwalunkwe potenzjal għal użu mill-ġdid ulterjuri tal-fondi (il-paragrafu ***43***).

13 Nikkonkludu wkoll li l-Kummissjoni ma mmonitorjatx biżżejjed kif reġgħu ntużaw ir-rimborżi mill-istrumenti finanzjarji. Għalkemm l-awtoritajiet maniġerjali kienu meħtieġa jagħtu rendikont lill-Kummissjoni dwar l-użu mill-ġdid tar-rimborżi kemm fil-perjodu 2007–2013 kif ukoll fil-perjodu 2014–2020 (għalkemm sa livelli differenti), il-Kummissjoni ma vverifikatx u ma użatx biżżejjed din id-*data* għal skopijiet ta' monitoraġġ. B'konsegwenza ta' dan, għadu mhux magħruf kemm fil-verità ntużaw mill-ġdid ir-rimborżi. Barra minn hekk, għalkemm il-Kummissjoni wettqet 11-il awditu tematiku dwar strumenti finanzjarji, l-awtoritajiet maniġerjali vverifikaw biss 3 % tal-għadd totali ta' strumenti finanzjarji f'dan il-perjodu. Aħna sibna li d-dokumentazzjoni tal-awditjar dwar l-obbligu ta' użu mill-ġdid kienet limitata (ara l-paragrafi ***52***–***60***).

14 Fl-aħħar nett, ivvalutajna kif l-arranġamenti li jistabbilixxu strumenti finanzjarji individwali fl-Istat Membri jindirizzaw l-użu mill-ġdid. Sibna li l-ftehimiet ta' finanzjament kollha li awditjajna jindirizzaw l-użu mill-ġdid **matul il-perjodu ta' eliġibbiltà** sa ċertu punt, iżda hemm differenzi konsiderevoli fl-impenn tagħhom li jerġgħu jinvestu r-rimborżi u fil-livell korrispondenti ta' dettall. Għall-użu mill-ġdid tal-**fondi li jintirtu**, nofs l-istrumenti finanzjarji inklużi fil-kampjun tagħna kienu jirrikjedu t-trasferiment ta' rimborżi ġewwa kontijiet tal-gvern (awtorità maniġerjali) sakemm tittieħed deċiżjoni ddedikata dwar l-użu mill-ġdid. In-nofs l-ieħor stipula li r-rimborżi jenħtieġ li jibqgħu għand il-maniġer tal-fond, biex jintużaw għall-istess skop fl-istess strument finanzjarju jew is-suċċessur tiegħu, u b'hekk żgur jerġgħu jintużaw immedjatament (il-paragrafi ***61***–***64***).

## X'nirrakkomandaw

### Rakkomandazzjoni 1

**Tisfrutta l-potenzjal sħiħ tar-rimborżi matul il-perjodi ta' programmazzjoni**

Jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, tfittex li timmassimizza r-rimborżi minn strumenti finanzjarji matul il-perjodi ta' programmazzjoni rilevanti billi:

(a) tinċentiva l-użu mill-ġdid ta' rimborżi qabel ma jintalbu aktar fondi;

(b) tippromwovi l-użu mill-ġdid awtomatiku tar-rimborżi bħala proċedura standard biex jiġu appoġġati aktar riċevituri finali, u proġetti sodi u rilevanti għall-politika;

(c) tieħu inkunsiderazzjoni rimborżi potenzjali biex tivvulata *ex ante* d-daqs xieraq ta' strument finanzjarju, u billi tevita twaqqif tardiv ta' fondi, li jżid il-pressjoni biex jintefqu l-allokazzjonijiet u b'hekk ixekkel l-użu mill-ġdid ta' rimborżi;

(d) tippermetti supplimenti fl-allokazzjonijiet inizjali ta' strumenti finanzjarji fejn ir-rimborżi jkunu ntużaw b'mod effettiv biss.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2027**

### Rakkomandazzjoni 2

**Ittejjeb is-sorveljanza fuq l-użu ta' rimborżi matul il-perjodu ta' programmazzjoni, u tawditja l-użu sussegwenti tal-fondi li jintirtu**

Jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri:

(a) timmonitorja kif verament jerġgħu jintużaw il-fondi matul il-perjodu ta' programmazzjoni, u ssaħħaħ il-miżuri ta' awditjar assoċjati;

(b) tawditja l-użu ta' fondi li jintirtu wara tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2027**

02

# Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna

## Il-potenzjal tal-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni għal użu aktar kontinwu tal-finanzjament mhuwiex sfruttat bis-sħiħ

**15** Il-maġġoranza l-kbira tal-appoġġ mill-UE għall-koeżjoni tingħata lill-benefiċjarji fil-forma ta' għotjiet. Fil-prinċipju, dawn mhumiex ripagabbli sakemm ma jinstabx li jkunu ntalbu b'mod irregolari. L-istrumenti finanzjarji huma mod alternattiv ta' kif jiġi pprovdut finanzjament mill-UE, fil-forma ta' self, garanziji u kapital ta' riskju. Dawn jitħallsu lura lill-awtoritajiet pubbliċi li jkunu ħarġuhom, ladarba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Ir-rimborżi li jiġu ġġenerati jistgħu jintużaw biex jingħata appoġġ lil benefiċjarji u proġetti addizzjonali. Dan l-"effett rotanti" għalhekk joffri opportunità biex il-fondi pubbliċi jintużaw ripetutament, u b'hekk isir l-aħjar użu — kontinwu — mill-potenzjal tagħhom (l-*Anness I*, il-paragrafu *01*).

**16** Fil-każ ta' strumenti finanzjarji, ir-riżorsi (allokazzjonijiet) użati (imħallsa lir-riċevituri finali) minn tal-inqas darba matul il-perjodu ta' eliġibbiltà jistgħu jinżammu mill-Istati Membri. Barra minn hekk, il-qafas legali jinkludi obbligu biex jerġgħu jintużaw rimborżi mill-istrumenti finanzjarji (l-*Anness I*, il-paragrafi *13*–*15*). Filwaqt li r-regoli jvarjaw skont jekk ir-rimborżi jiġux riċevuti matul jew wara l-perjodi ta' eliġibbiltà applikabbli, il-kunċett huwa l-istess: li l-fondi jintużaw biex jiġu appoġġati aktar investimenti fi proġetti li jrawmu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Fl-awditu li wettaqna, aħna vvalutajna jekk, u sa liema punt, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kisbux dan l-effett rotanti fil-prattika.

## Ir-rimborżi jerġgħu jintużaw b'mod limitat ħafna matul il-perjodu ta' eliġibbiltà

17 Id-dispożizzjonijiet komuni għall-perjodu 2014–2020 jirrikjedu[1] li r-rimborżi mill-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni ***matul il-perjodu ta' eliġibbiltà*** għandhom jintużaw biex:

- jiffinanzjaw aktar investimenti permezz tal-istess strumenti finanzjarji jew strumenti finanzjarji oħra, b'konformità mal-objettivi speċifiċi stipulati taħt il-prijorità tal-programm korrispondenti;
- ikopru t-telf li jirriżulta minn rati ta' mgħax negattiv li jistgħu japplikaw għal bilanċi ddepożitati, jekk tali telf iseħħ minkejja ġestjoni attiva tat-teżor mill-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji;
- jiffinanzjaw il-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni mġarrba waqt l-operazzjoni tal-istrument finanzjarju.

18 Eżaminajna kif intużaw il-fondi mir-rimborżi għal għażla aleatorja ta' 61 strument finanzjarju mill-perjodu 2014–2020 (l-***Anness IV***) u vvalutajna jekk dawn reġgħux użaw ir-rimborżi f'konformità mad-dispożizzjonijiet komuni (ara l-***Anness I*** għal aktar dettalji dwar l-approċċ tal-awditjar tagħna).

19 Sibna li minn dawn il-61 strument finanzjarju li awditjajna mill-perjodu 2014–2020, 12 biss użaw minn tal-inqas xi ftit mir-rimborżi matul il-perjodu ta' eliġibbiltà biex jappoġġaw investimenti ulterjuri. 19 oħra użaw uħud mir-rimborżi biex jiffinanzjaw il-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni. Sirna nafu wkoll li l-ftehimiet ta' finanzjament bejn l-awtoritajiet maniġerjali u l-maniġers tal-fondi normalment ma jipprevedux l-użu mill-ġdid "awtomatiku" u immedjat tar-rimborżi malli jseħħu. Minflok, dawn jirrikjedu deċiżjoni speċifika mingħand l-awtorità maniġerjali biex jużaw il-fondi ħalli jiffinanzjaw investimenti ġodda (ara l-***Kaxxa 1***).

[1] L-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

## Kaxxa 1

### Użu mill-ġdid awtomatiku vs deċiżjonijiet individwali

L-użu mill-ġdid awtomatiku jfisser li r-rimborżi jerġgħu jiġu investiti malli jseħħu, mingħajr obbligu fuq l-awtorità maniġerjali biex tieħu deċiżjonijiet speċifiċi dwar investiment mill-ġdid. Mill-61 strument finanzjarju li awditjajna matul il-perjodu 2014–2020, 5 biss inkludew din id-dispożizzjoni fil-ftehimiet ta' finanzjament rispettivi tagħhom: wieħed f'fond ta' self Thüringen Dynamik (il-Ġermanja), u 4 fondi speċifiċi (self u fondi ta' garanzija) fi ħdan Holding Fund Fare Lazio (l-Italja).

Meta l-użu mill-ġdid awtomatiku ma jkunx previst, l-awtorità maniġerjali jew il-maniġer tal-fond xorta jistgħu jiddeċiedu aktar tard matul il-perjodu ta' eliġibbiltà li jerġgħu jinvestu r-rimborżi li jkunu rċevew. Fl-Ungerija, pereżempju, fond ta' self ta' kapital operatorju tant irnexxa li l-awtorità maniġerjali ddeċidiet li terġa' tnedih matul il-perjodu ta' eliġibbiltà, u użat ir-rimborżi li rċeviet biex tiffinanzjah, dan. Madankollu, meta l-użu mill-ġdid jiddependi minn deċiżjoni speċifika tal-awtorità maniġerjali aktar milli jseħħ awtomatikament, dan inaqqas ir-ritmu tal-proċess ta' investiment mill-ġdid, u minħabba fih, jonqos il-potenzjal għall-użu mill-ġdid.

*Sors:* il-QEA, abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet maniġerjali.

20 B'mod ġenerali, matul l-awditu li wettaqna, ma identifikajna l-ebda impenn sistematiku mill-awtoritajiet maniġerjali jew mill-maniġers tal-fondi biex jerġgħu jimmassimizzaw il-fondi matul il-perjodu ta' eliġibbiltà. Dan kien dovut għal:

- il-pressjoni biex l-ewwel jiġu assorbiti l-allokazzjonijiet sħaħ tal-programm li ngħataw fi strumenti finanzjarji, sabiex jiġi evitat il-kanċellament tal-impenji u t-telf tal-fondi disponibbli mill-baġit tal-UE;
- it-twaqqif tard jew supplimenti sussegwenti fl-istrumenti finanzjarji, li jillimitaw il-perjodu potenzjali għar-rimborżi u b'hekk l-użu mill-ġdid tagħhom;
- in-natura għal żmien medju jew għal żmien twil tal-investimenti b'perjodi ta' grazzja potenzjali, li b'hekk jillimitaw ir-rimborżi matul il-perjodu;
- il-preferenza tal-awtoritajiet maniġerjali li jakkumulaw ir-rimborżi qabel jiddeċiedu kif għandhom jintużaw, sabiex jallinjaw l-użu mill-ġdid sussegwenti tagħhom ma' ħtiġijiet ġodda, żviluppi tas-suq, bidliet fl-ambjent politiku eċċ.;
- l-għoti ta' prijorità lill-ksib ta' ingranaġġ bl-attirar ta' investituri privati addizzjonali, aktar milli l-użu mill-ġdid tar-rimborżi; u
- id-depożitu ta' fondi f'kontijiet tat-teżor biex tiġi appoġġata l-likwidità nazzjonali jew jiġi ġġenerat introjtu mill-imgħax.

21 Billi l-ewwel ċiklu ta' investimenti ffinanzjati minn strumenti finanzjarji biss jiġi rimborżat mill-baġit tal-UE u jista' jinżamm mill-Istat Membru, diversi awtoritajiet maniġerjali semmew il-pressjoni tal-assorbiment bħala raġuni ewlenija għall-użu mill-ġdid limitat. L-użu ta' fondi mħallsa lura, minflok jintefqu fondi permezz ta' strumenti finanzjarji li jkunu ġew inizjalment allokati mill-programm, ikun iwassal għall-kanċellament ta' impenji, u għalhekk għat-telf ta' fondi mill-UE għall-Istat Membru jew għar-reġjun (ara l-***Kaxxa 2***). Dan ir-riskju huwa partikolarment għoli jekk l-istrumenti finanzjarji huma kbar wisq jew ikunu ġew stabbiliti tard fil-perjodu ta' eliġibbiltà. Dan iħalli żmien limitat biex jintefqu l-allokazzjonijiet. Bħala eżempju, is-self u fond ta' garanzija TEPIX II fil-Greċja ġie stabbilit f'Novembru 2016 u b'mod ġenerali l-prodott irnexxa. Madankollu, sa tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà ma ntużatx l-allokazzjoni inizjali kollha tal-programm, iżda biss 89.7 %. Dan kien ifisser li la kien hemm inċentiv u lanqas ħin għall-użu mill-ġdid matul dak il-perjodu, billi l-assorbiment kien ikun saħansitra aktar baxx.

## Kaxxa 2

### Is-supplimenti għal strument finanzjarju Slovakk għenu biex jiġu assorbiti l-fondi tal-programm 2007–2013 li ma ntużawx matul il-perjodu ta' eliġibbiltà, iżda ma inċentivawx l-użu mill-ġdid tar-rimborżi

Fis-Slovakkja, ġie stabbilit strument finanzjarju ta' self għal investimenti f'miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija għal blokok ta' appartamenti. Dan sar taħt l-inizjattiva JESSICA fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 mill-fond tal-istat għall-iżvilupp tad-djar (Štátny fond rozvoja bývania, SFRB).

Il-ftehim ta' finanzjament bejn l-SFRB u l-awtorità maniġerjali responsabbli ġie ffirmat fl-2013. L-ammont inizjali allokat fl-2013 kien ta' EUR 8 miljun (inklużi EUR 6.8 miljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali — FEŻR).

Fl-2015, meta kien qed joqrob l-għeluq tal-perjodu 2007–2013, l-awtorità maniġerjali tal-programm operazzjonali reġjonali inkwistjoni kellha bżonn tassorbi r-riżorsi tal-programm li kien fadal, jew tirriskja li titlifhom. Wara li l-implimentazzjoni tal-istrument finanzjarju rnexxiet, l-SFRB qabel li jissupplimentah b'EUR 90.6 miljun addizzjonali, u mbagħad b'EUR 66.3 miljun oħra.

Dawn iż-żewġ supplimenti żiedu l-allokazzjoni inizjali bi kważi għoxrin darba. L-awtorità maniġerjali hekk irnexxielha tikseb assorbiment sħiħ tar-riżorsi tal-programm fil-waqt tal-għeluq, u evitat kanċellament potenzjali tal-impenji. Għalkemm is-self kollu kien ġie żborżat matul il-perjodu ta' eliġibbiltà, is-supplimenti dgħajfu kwalunkwe inċentiv biex jerġgħu jintużaw ir-rimborżi riċevuti matul il-perjodu.

*Sors:* il-QEA, abbażi ta' informazzjoni mill-Fond tal-Istat għall-Iżvilupp tad-Djar (SFRB).

22 Xi awtoritajiet maniġerjali għażlu li jżidu l-allokazzjoni inizjali tal-istrumenti finanzjarji matul il-perjodu ta' eliġibbiltà permezz ta' "supplimenti". Filwaqt li dan l-approċċ żied l-assorbiment fil-livell tal-programm, żied ukoll il-pressjoni biex jintużaw dawn il-fondi addizzjonali, u fil-fatt inċentiva din l-għażla minflok ma pprijoritizza l-użu mill-ġdid tar-rimborżi. Barra minn hekk, tali supplimenti żiedu l-ammont ta' fondi li jintirtu disponibbli wara tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà (ara l-paragrafu ***28***), li l-Istati Membri jistgħu jużaw b'mod aktar flessibbli mill-finanzjament taħt il-programmi inizjali. Bħala eżempju, l-allokazzjoni mill-UE lill-fond ta' self "KMU Darlehenfonds Berlin" fil-Ġermanja żdiedet diversi drabi mill-awtorità maniġerjali; l-aħħar żieda saret 13-il jum biss qabel tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà. B'hekk ġiet eskluża kwalunkwe possibbiltà li r-rimborżi jintużaw mill-ġdid.

23 Fattur ieħor li jirrestrinġi l-potenzjal għall-użu mill-ġdid huwa li maġġoranza kbira tal-istrumenti finanzjarji jinvolvu prodotti finanzjarji li għandhom durata medja jew twila (maturità). Xi strumenti, bħal self għall-iżvilupp tad-djar għal żmien twil, jistgħu jitħallsu lura kompletament wara 25 sena biss, jew saħansitra aktar tard b'perjodi ta' grazzja. Il-fondi ta' ekwità huma tipikament tat-tip magħluq iżda jdumu mill-inqas 10 snin. Konsegwentement, ir-rimborżi jaf jiġu riċevuti lejn tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà, jew saħansitra wara. Dan jillimita b'mod intrinsiku kwalunkwe effett rotanti potenzjali matul il-perjodu ta' eliġibbiltà.

24 Fil-kampjun tagħna, l-iqsar durata kienet ta' 3 snin, filwaqt li l-itwal kienet ta' 25 sena. Il-***Figura 2*** turi r-rimborżi maż-żmien għall-fond Taljan "POR Puglia Microcredito" li jipprovdi self lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Dan kien ġie stabbilit f'Lulju 2017 u jagħti self sa 5 snin b'perjodu ta' grazzja sa massimu ta' 12-il xahar oħra. L-ewwel żborżi tas-self bdew fi tmiem l-2017, filwaqt li l-aħħar rimborżi huma skedati għall-2028. Sa tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà (2023), 23 % biss tal-fondi żborżati kienu tħallsu lura u kienu disponibbli biex jerġgħu jiġu investiti.

## Figura 2 | Żborżi u rimborżi kumulattivi ta' kull 3 xhur, POR Puglia Microcredito, 2017–2024




*Sors:* il-QEA, abbażi ta' informazzjoni pprovduta mir-reġjun tal-Puglia.

**25** L-awditu li wettaqna kkonferma li raġuni importanti oħra għall-effett rotanti limitat matul il-perjodu ta' eliġibbiltà hija li l-ftehimiet ta' finanzjament mal-maniġers tal-fondi ma jitolbux użu mill-ġdid awtomatiku (il-*Kaxxa 1*), minħabba li l-awtoritajiet maniġerjali jippreferu jieħdu deċiżjonijiet individwali dwar l-użu mill-ġdid. Dawn id-deċiżjonijiet tipikament jittieħdu biss wara li jiġu akkumulati r-rimborżi, li jista' jseħħ anki wara tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà. Approċċ ta' dan it-tip kapaċi jirrifletti x-xewqa tal-gvernijiet nazzjonali jew reġjonali li jakkumulaw rimborżi, u jerġgħu jużaw il-fondi biss aktar tard, biex jirrispondu għall-aktar ħtiġijiet tas-suq jew prijoritajiet ekonomiċi jew politiċi reċenti. Filwaqt li dan ikun jippermetti wkoll appoġġ temporanju għal-likwidità tal-awtoritajiet maniġerjali, u saħansitra li jiġi ġġenerat mgħax fuq l-introjtu, idewwem mhux ħażin l-użu mill-ġdid u jnaqqas il-potenzjal tiegħu li jappoġġa kemm jista' jkun riċevituri finali u l-proġetti tajba tagħhom.

26 Spjegazzjoni waħda li ngħatajna bħala ġustifikazzjoni għall-użu mill-ġdid limitat tar-rimborżi matul il-perjodu ta’ eliġibbiltà kienet marbuta mal-objettiv li jinkiseb ingranaġġ billi jinġabar kapital addizzjonali għall-istrumenti finanzjarji mingħand investituri privati. Dan iwassal għal kompromess bejn il-ksib tal-ingranaġġ u l-użu mill-ġdid tar-rimborżi. Dan iseħħ prinċipalment minħabba li meta jagħmlu hekk, il-kontribuzzjoni mill-UE tintuża biex tkopri r-riskji tal-investiment privat u tipprovdi kundizzjonijiet preferenzjali. Filwaqt li kemm l-attirar ta’ investituri privati u b’hekk ingranaġġ, kif ukoll il-massimizzazzjoni tal-użu mill-ġdid tar-rimborżi biex jiġu megħjuna aktar riċevituri, huma t-tnejn objettivi leġittimi, ir-rimborżi li jintużaw biex investituri privati jingħataw kumpens għat-telf li jġarrbu jnaqqsu l-ammonti ta’ rimborżi disponibbli għall-użu mill-ġdid. Fil-kampjun tagħna ta’ 61 strument finanzjarju, 34 ipprevedew u kisbu xi effett ta’ ingranaġġ.

27 Fl-aħħar nett, il-fondi ta’ ekwità/kapital ta’ riskju huma differenti minħabba li b’mod ġenerali ma hemm l-ebda rekwiżit fil-ftehimiet ta’ finanzjament biex isir xi investiment mill-ġdid awtomatiku ta’ rimborżi jew introjtu ieħor (rendiment, dividendi) matul il-perjodu ta’ validità tagħhom. Fir-reġjun tal-Lazio fl-Italja, hemm saħansitra l-hekk imsejħa “projbizzjoni fuq ir-riċiklaġġ”, jiġifieri li kwalunkwe redditu (kemm fil-kapital kif ukoll fil-profitti) ma jistax jerġa’ jintuża u jrid jitħallas lura immedjatament lill-investituri privati. Fil-kampjun tagħna, ftit programmi (prinċipalment ta’ ekwità) biss kienu jinvolvu investituri privati, u tabilħaqq f’dawn il-każijiet ma stajna nidentifikaw l-ebda użu mill-ġdid.

## L-Istati Membri u r-reġjuni jużaw fondi li jintirtu għal skopijiet ta’ politika ta’ koeżjoni, għalkemm b’xi limitazzjonijiet

28 Skont id-dispożizzjonijiet komuni[2], jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu arranġamenti għall-użu mill-ġdid, wara tmiem il-perjodu ta’ eliġibbiltà, ta’ kwalunkwe rimborż attribwibbli għall-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej (FSIE) minn riċevituri finali għal strumenti finanzjarji, kemm jekk riċevuti matul il-perijodu kif ukoll wara t-tmiem tiegħu (l-hekk imsejħa **fondi li jintirtu**). Billi ma ġie stabbilit l-ebda limitu ta’ żmien għall-perjodu 2007–2013, il-fondi li jintirtu jridu jintużaw sakemm jiġu eżawriti. Għall-perjodu 2014–2020 u l-perjodu 2021–2027, ir-regoli relatati jistipulaw l-użu mill-ġdid obbligatorju tar-rimborżi riċevuti sa tmiem it-tmien sena wara dik tat-tmiem tal-perjodu ta’ eliġibbiltà.

[2] L-Artikolu 78(7) tar-Regolament (KE) 1083/2006, l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u l-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

29 Skont ir-regoli, il-fondi li jintirtu jenħtieġ li jerġgħu jiġu investiti kif ġej: għall-istess tip ta' miżuri (2007–2013); b'konformità mal-għanijiet tal-programmi (2014–2020); jew b'konformità mal-objettivi ta' politika tal-programmi (2021–2027).

30 Aħna eżaminajna l-użu reali u ppjanat li sar mill-fondi li jintirtu għal 22 strument finanzjarju li għażilna mill-perjodu 2007–2013 u 61 strument finanzjarju li għażilna mill-perjodu 2014–2020 (l-***Anness IV***). Ivvalutajna jekk l-awtoritajiet maniġerjali reġgħux użaw il-fondi li jintirtu b'konformità mar-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet komuni (ara l-***Anness I*** għal aktar dettalji dwar l-approċċ tal-awditjar tagħna).

### Użu mill-ġdid ta' fondi li jintirtu mill-istrumenti finanzjarji tal-perjodu 2007–2013

31 It-***Tabella 1*** turi l-istrumenti finanzjarji għall-perjodu 2007–2013 fil-kampjun tagħna, flimkien mal-fondi li jintirtu tagħhom u kif kien maħsub li jerġgħu jintużaw. Fil-każijiet kollha l-fondi verament reġgħu ntużaw, ħlief dawk mill-fond ta' garanzija Grieg HELTEP. Għalkemm il-perjodu ta' eliġibbiltà ntemm fl-2015, f'dan il-każ, deċiżjoni dwar l-użu mill-ġdid kienet għadha pendenti fiż-żmien meta wettaqna l-awditu. Sadanittant, il-fondi li jintirtu kienu qed jinżammu fil-Bank of Greece f'kont bi mgħax (il-***Kaxxa 3***).

## Tabella 1 | Użu mill-ġdid tal-fondi li jintirtu — strumenti finanzjarji għall-perjodu 2007–2013

| *Pajjiż* | *Isem l-istrument finanzjarju* | *Użu mill-ġdid ta' fondi li jintirtu għal:* |
|---|---|---|
| **Il-Ġermanja** | **KMU-Darlehensfonds Berlin** | kontinwazzjoni bħala strument finanzjarju nazzjonali għal skopijiet simili |
| | **Mikromezzaninefonds Deutschland Bund** | kofinanzjament nazzjonali tal-istrument finanzjarju suċċessur taħt il-politika ta' koeżjoni |
| | **Stadtentwicklungsfonds Brandenburg** | għotjiet taħt il-politika ta' koeżjoni għal proġetti ġodda għal skopijiet simili (għall-iżvilupp urban fil-perjodu 2021 - 2027) |
| | **KMU Darlehensfonds Sachsen-Anhalt** | kontinwazzjoni bħala strument finanzjarju nazzjonali għal skopijiet simili, kofinanzjament nazzjonali għall-istrument finanzjarju suċċessur taħt il-politika ta' koeżjoni |
| | **Thüringen Dynamik** | kofinanzjament nazzjonali tal-istrument finanzjarju suċċessur u strumenti finanzjarji ġodda taħt il-politika ta' koeżjoni għal skopijiet simili (appoġġ għall-SMEs fil-perjodi 2014 - 2020 u 2021 - 2027) |
| **Il-Greċja** | **TEPIX I** | kontinwazzjoni bħala strument finanzjarju nazzjonali (TEPIX intermedju) u strument finanzjarju nazzjonali ġdid (DELFI), it-tnejn għal skopijiet simili |
| | **Garanzija HELTEP** | l-ebda użu mill-ġdid, miżmum f'banek li jiġġeneraw imgħax |
| **L-Ungerija** | **Selfa OP GOP** | strumenti finanzjarji nazzjonali ġodda għal skopijiet simili (Fond għall-iżvilupp tal-belt ta' Kecskemét, il-fond ta' kapital ta' riskju Irinyi II, il-Fond ta' Riskju Széchenyi, il-Fond Nazzjonali tal-Borża, Carpatian Basin Enterprise Development Fund) li jkopru t-tariffi u l-kostijiet tal-ġestjoni wara l-perjodu ta' eliġibbiltà |
| | **OP KMR Venture** | |
| **L-Italja** | **Fondo di Sostegno JESSICA SICILIA** | għotjiet taħt il-politika ta' koeżjoni (għall-muniċipalitajiet b'inqas minn 60 000 abitant) u strument finanzjarju ġdid (fil-perjodu 2021 - 2027) |
| | **Fondo Ingegneria Finanziaria Lazio – Fond ta' parteċipazzjoni IF** | strument finanzjarju ġdid taħt il-politika ta' koeżjoni għal skopijiet simili (Lazio Venture 2014 - 2020) u li jkopri l-kostijiet ta' rifinanzjament |
| **Is-Slovakkja** | **ROP Jessica – SFRB** | kontinwazzjoni tal-istess strument finanzjarju għal 5 snin wara tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà u mbagħad strumenti finanzjarji nazzjonali għall-istess skop |
| | **OP CEG Jeremie – SIH** | strumenti finanzjarji ġodda għal skopijiet simili, għoti ta' self għall-istrument finanzjarju taħt il-politika ta' koeżjoni, u li jkopru l-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni |

*Nota:* l-informazzjoni li tinsab f'din it-tabella tirreferi għal-livell tal-fondi ta' parteċipazzjoni. It-13-il fond murija fit-tabella b'kollox jinkludu 22 fond speċifiku.

*Sors:* il-QEA, abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet maniġerjali.

32 Ħafna ftehimiet ta’ finanzjament jipprevedu li l-fondi li jintirtu inizjalment jiġu inklużi fil-baġits reġjonali jew nazzjonali. Għalhekk, biex jintużaw jenħtieġu deċiżjonijiet individwali mill-gvern (ara l-paragrafu *64*). Aħna sibna li fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kollha fil-kampjun tagħna — ħlief il-fond Grieg HELTEP — il-fondi li jintirtu ntużaw għall-iskop meħtieġ, jiġifieri:

- il-kontinwazzjoni tal-istess strumenti finanzjarji (il-Ġermanja, l-Italja, is-Slovakkja);
- l-istabbiliment ta’ strumenti finanzjarji ġodda (fl-ambitu tal-politika ta’ koeżjoni jew oħrajn) b’objettivi simili (il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, is-Slovakkja);
- il-finanzjament tal-kofinanzjament nazzjonali ta’ strumenti finanzjarji ġodda fl-ambitu tal-politika ta’ koeżjoni fil-perjodu sussegwenti (il-Ġermanja, l-Italja);
- il-finanzjament tat-tariffi u l-kostijiet ta’ ġestjoni tal-istrumenti finanzjarji (l-Ungerija, is-Slovakkja);
- il-provvista’ ta’ għotjiet għal skopijiet simili għal dawk tal-istrument finanzjarju inizjali (il-Ġermanja, l-Italja, ara wkoll il-***Kaxxa 4***).

## Kaxxa 3

### Fond ta' garanzija HELTEP (il-Greċja)

Fiż-żmien meta sar l-awditu, kważi 10 snin wara li ntemm il-perjodu ta' eliġibbiltà fl-2015, il-fond li jintiret mill-fond ta' garanzija Grieg HELTEP, li jammonta għal madwar EUR 300 miljun, ma kienx reġa' intuża, u kien għadu qed jinżamm f'kont tat-teżor.

Dan il-fond ta' garanzija kellu rwol importanti biex jingħataw appoġġ il-banek kummerċjali Griegi matul il-kriżi finanzjarja ta' dak iż-żmien. Huwa ġie stabbilit fl-2012 biex il-Bank Ewropew tal-Investiment seta' jislef flus lill-banek kummerċjali Griegi, li min-naħa tagħhom kienu jipprovdu self lill-SMEs li ma setgħux jissellfu flus minn xi mkien ieħor.

Wara l-2017 ma kienx hemm aktar bżonn li l-BEI jislef flus lill-banek Griegi għal dan l-iskop, billi setgħu jiksbu finanzjament mis-swieq finanzjarji. Għalhekk l-istrument finanzjarju ta' garanzija ġie stralċat.

Deċiżjoni tal-Gvern Grieg dwar l-użu mill-ġdid tal-fond li jintiret għadha pendenti, li jfisser li għal 10 snin ma nkiseb l-ebda effett rotanti għall-benefiċċju tal-objettivi fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni tal-UE. Minflok, l-imgħax gwadanjat fuq il-fondi jmur fil-baġit nazzjonali Grieg.

*Sors:* il-QEA, abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-awtorità maniġerjali Griega EPANEK.

## Użu mill-ġdid tal-fondi li jintirtu mill-istrumenti finanzjarji matul il-perjodu 2014–2020

33 It-*Tabella 2* turi kif reġgħu ntużaw il-fondi li jintirtu matul il-perjodu 2014–2020 inklużi fil-kampjun tagħna, kif iddeċidew l-awtoritajiet maniġerjali sa tmiem l-2024, abbażi ta' rimborżi reali riċevuti dak iż-żmien.

## Tabella 2 | Użu mill-ġdid tal-fondi li jintirtu — perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020

| *Pajjiż* | *Isem l-istrument finanzjarju* | *Użu mill-ġdid ta' fondi ta' jintirtu għal:* |
|---|---|---|
| **Il-Ġermanja** | **KMU-Darlehensfonds Berlin** | tnaqqis tad-diskrepanza bejn il-finanzjament għall-perjodu 2014 - 2020 u l-perjodu 2021 - 2027, aktar tard bħala kofinanzjament nazzjonali tal-istrument finanzjarju suċċessur |
| | **Mikromezzaninefonds Deutschland Bund** | tisħiħ tal-finanzjament mikromezzanine lill-SMEs |
| | **Thüringen Dynamik** | kontinwazzjoni bħala fond nazzjonali taħt l-istess kundizzjonijiet |
| **Il-Greċja** | **TEPIX I** | sa issa ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni: l-ammont ta' rimborżi/ripagamenti jinsab f'kont fil-Bank of Greece |
| | **EQUIFUND** | ir-ripagamenti qegħdin f'kont tal-maniġer tal-fond b'kontinwazzjoni potenzjali fil-perjodu 2021 - 2027 |
| | **Garanzija tal-COVID-19** | għadu ma sar l-ebda ħlas lura minħabba n-natura tal-istrument finanzjarju |
| **L-Ungerija** | **Fond ta' Investiment fl-ambitu tal-Prijorità 8 tal-GINOP (22 fond speċifiku)** | finanzjament ta' programm nazzjonali (il-Programm Széchenyi Kàrtya), il-kofinanzjament nazzjonali għall-istrument finanzjarju taħt il-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2021 - 2027 u li jkopri t-tariffi u l-kostijiet tal-ġestjoni wara l-perjodu ta' eliġibbiltà |
| | **Self EFOP** | għotjiet lil żewġ proġetti taħt il-politika ta' koeżjoni |
| **L-Italja** | **Fond ta' parteċipazzjoni Fondo Azioni Riposizionamento dell'Economia del Lazio (4 fondi speċifiċi)** | kofinanzjament nazzjonali għall-istrumenti finanzjarji taħt il-politika ta' koeżjoni (Lazio Venture II fil-perjodu 2021 - 2027) |
| | **Por Puglia Microcredito** | kontribuzzjoni nazzjonali għall-istrumenti finanzjarji taħt il-politika ta' koeżjoni (Equity Puglia, Minibond u Technodiae fil-perjodu 2021 - 2027) |
| **Is-Slovakkja** | **IROP PA 4 – SFRB** | kontinwazzjoni tal-istess strument finanzjarju fil-livell nazzjonali għal skopijiet simili (appoġġ għall-miżuri tal-effiċjenza enerġetika) u li jkopri l-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni |
| | **OP II PA 11 – Fond ta' Parteċipazzjoni (24 fond speċifiku)** | kontinwazzjoni tal-istess strument finanzjarju fil-livell nazzjonali għal skopijiet simili (prinċipalment ta' appoġġ għall-SMEs) u li jkopri l-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni |

*Nota:* l-informazzjoni li tinsab f'din it-tabella tirreferi għal-livell tal-fondi ta' parteċipazzjoni. It-12-il fond murija fit-tabella b'kollox jinkludu 61 fond speċifiku.

*Sors:* il-QEA, abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet maniġerjali.

**34** Bħal kif ġara fil-perjodu 2007–2013, id-deċiżjonijiet dwar l-użu mill-ġdid ġeneralment ittieħdu b'konformità mar-regoli fis-seħħ, u r-rimborżi użati jintużaw prinċipalment fl-istess strumenti finanzjarji jew fi strumenti finanzjarji ġodda għal skopijiet simili. Bħala eżempju, iż-żewġ maniġers tal-fondi ewlenin SIH u SFRB fis-Slovakkja jżommu l-fondi li jintirtu fl-istess strumenti finanzjarji u jerġgħu jużawhom għall-istess tip ta' azzjonijiet għal minn tal-inqas 8 snin wara tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà, ħlief għal ammonti li jkopru l-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni. Fil-Ġermanja, il-fond li jintiret ta' Mikromezzanine Fonds Deutschland Bund se jintuża bħala kofinanzjament nazzjonali għal strument finanzjarju suċċessur għall-perjodu 2021–2027 taħt il-programm tal-politika ta' koeżjoni korrispondenti, u l-fondi li jintirtu ta' Thüringen Dynamik se jiġu ttrasferiti lejn strument finanzjarju suċċessur reġjonali mingħajr finanzjament ġdid taħt il-politika ta' koeżjoni. Għall-Italja, se jiġu appoġġati strumenti finanzjarji ġodda għal skopijiet simili, kemm fil-Lazio kif ukoll fil-Puglia.

**35** Sibna wkoll każ wieħed fil-perjodu 2014–2020 fejn il-fondi li jintirtu kienu ntużaw biex jipprovdu għotjiet lil proġetti għal skopijiet simili. Fil-prinċipju, madankollu, finanzjament ta' darba permezz ta' għotjiet jeskludi kwalunkwe effett rotanti ulterjuri. Minkejja dan, l-użu mill-ġdid ta' fondi mħallsa lura bħala għotjiet għandu mnejn ikun ġustifikat f'każijiet eċċezzjonali (il-*Kaxxa 4*).

### Kaxxa 4

#### L-użu ta' fondi li jintirtu biex jingħataw għotjiet ta' darba — eżempji

L-awtoritajiet tal-Programm Operazzjonali tar-Riżorsi Umani fl-Ungerija ma komplewx jużaw l-istrument finanzjarju tal-perjodu 2014–2020 fil-perjodu 2021–2027, iżda ddeċidew li jużaw il-fond li jintiret biex jipprovdu għotjiet ħalli jiffinanzjaw it-tlestija ta' żewġ proġetti ta' rinnovazzjoni tal-iskejjel li kienu twaqqfu b'mod prematur matul il-pandemija tal-COVID-19.

Għall-perjodu preċedenti 2007–2013, aħna sibna li l-fond li jintiret minn Stadtentwicklungsfonds Brandenburg Ġermaniż — li pprovda self għal proġetti pubbliċi ta' żvilupp urban — intuża biex jipprovdi għotjiet għal proġetti simili. L-awtoritajiet ma komplewx jużaw l-istrument finanzjarju fil-forma preċedenti tiegħu, billi d-domanda ma baqgħetx suffiċjenti meta kien sar disponibbli fis-suq self orħos.

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet maniġerjali fil-Ġermanja u l-Ungerija.

36 Eżempju ieħor ta’ użu ta’ fondi li jintirtu wara tmiem il-perjodu ta’ eliġibbiltà 2014–2020 jinvolvi t-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-likwidità sakemm saru operazzjonali strumenti ġodda għall-perjodu 2021–2027. Fil-Ġermanja, fejn id-domanda taħt il-KMU Darlehensfonds Berlin għall-perjodu 2014–2020 (il-fond KMU III) kompliet wara tmiem il-perjodu ta’ eliġibbiltà, il-fondi li jintirtu ppermettew li jiġi pprovdut self sakemm ġie stabbilit l-istrument finanzjarju suċċessur (il-***Figura 3***), sabiex tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni kkawżata miċ-ċikli ta’ programmazzjoni tal-UE.

**Figura 3 | L-użu ta' fondi li jintirtu biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-likwidità bejn il-perjodi tal-programm, tal-eliġibbiltà u tal-fondi għall-KMU Darlehensfonds Berlin 2014–2020 (KMU III) u 2021–2027 (KMU IV)**




*Sors:* il-QEA, abbażi ta' informazzjoni mill-awtorità maniġerjali.

37 Fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, kienet għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar l-użu ta' fondi li jintirtu fil-Greċja għal TEPIX II u EQUIFUND. Fl-Italja, intużat biss parti mill-fondi li jintirtu mill-istrumenti finanzjarji fil-Lazio u POR Puglia Microcredito, billi kienu qegħdin jiġu ppjanati deċiżjonijiet ulterjuri.

# Il-qafas għall-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni ma jinċentivax l-użu mill-ġdid

38 Ivvalutajna l-punt sa fejn il-qafas legali għall-perjodi ta' programmazzjoni differenti inċentiva l-isfruttament tal-potenzjal tal-effett rotanti fl-istrumenti finanzjarji, u jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri stabbilewx arranġamenti xierqa biex dan jimmassimizzawh.

## Il-qafas legali mhuwiex ċar u espliċitu biżżejjed biex jimmassimizza l-użu mill-ġdid tar-rimborżi

39 Sabiex l-awtoritajiet maniġerjali jingħataw inċentiv qawwi biex jerġgħu jużaw ir-rimborżi ħalli jappoġġaw aktar investimenti, huwa meħtieġ obbligu ċar u espliċitu dwar l-użu mill-ġdid fil-qafas legali. Dan jenħtieġ li jinkludi rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe rimborżi li jitħallsu lura, inklużi objettivi, forma, u perjodu. Min-naħa l-oħra, ir-regoli jridu jippermettu li l-Istati Membri jkollhom biżżejjed flessibbiltà biex jallinjaw l-obbligu tal-użu mill-ġdid ma' ħtiġijiet emerġenti, żviluppi tas-suq, bidliet fl-ambjent politiku u ħtiġijiet u kundizzjonijiet oħra.

40 L-użu ta' strumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni huwa regolat mir-regolamenti dwar id-dispożizzjonijiet komuni għall-perjodi ta' programmazzjoni differenti (l-*Anness I*, il-paragrafi *13*–*15*). Ir-regolamenti ta' implimentazzjoni u l-gwida tal-Kummissjoni jipprovdu aktar dettalji għall-interpretazzjoni u l-ispeċifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet komuni.

41 Il-qafas legali evolva matul it-tliet perjodi ta’ programmazzjoni konsekuttivi rigward il-punt sa fejn ikopri u jiċċara l-obbligu ta’ użu mill-ġdid. Filwaqt li d-dispożizzjonijiet tal-perjodu 2007–2013 kienu pjuttost ġenerali f’dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet komuni tal-perjodu 2014–2020 kienu aktar dettaljati, u ċċaraw ċerti aspetti importanti (ara l-***Anness I***). Il-Kummissjoni ssupplimentat dan bi gwida konsiderevoli għall-awtoritajiet maniġerjali, għalkemm mhux speċifikament dwar l-użu mill-ġdid. Għall-perjodu ta’ programmazzjoni attwali 2021–2027, il-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjonijiet komuni huma ċari biżżejjed u ddeċidiet li ma toħroġx gwida oħra.

42 Madankollu, filwaqt li l-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet komuni għall-perjodu 2014–2020 u l-perjodu 2021–2027 tipprevedi obbligu (“għandhom”) biex jerġgħu jintużaw ir-rimborżi matul il-perjodu ta’ programmazzjoni[3], il-Kummissjoni ppermettiet li l-awtoritajiet maniġerjali jkollhom diskrezzjoni konsiderevoli fuq kif jerġgħu jużaw il-fondi matul il-perjodu ta’ programmazzjoni. Fil-prattika, l-approċċ tal-Kummissjoni ssarraf biss f’monitoraġġ limitat ħafna tal-effett rotanti, li potenzjalment inaqqas l-inċentiv għall-Istati Membri u r-reġjuni biex jimmassimizzaw l-użu tar-rimborżi matul il-perjodu ta’ programmazzjoni.

43 Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet komuni għall-perjodu 2014–2020 u l-perjodu 2021–2027 jippermettu lill-Istati Membri jerġgħu jużaw ir-riżorsi mħallsa lura wara l-perjodu ta’ eliġibbiltà (fondi li jintirtu) biex jipprovdu għotjiet lill-benefiċjarji, minflok jerġgħu jużawhom permezz ta’ strumenti finanzjarji estiżi jew ġodda. Filwaqt li l-użu ta’ għotjiet ta’ darba biss jista’ jiġi ġġustifikat f’każijiet speċifiċi (il-***Kaxxa 4***), mhuwiex konsistenti mal-prinċipju tal-effett rotanti billi ma jibqa’ l-ebda potenzjal għal użu mill-ġdid ulterjuri tal-fondi.

### Il-perjodu ta’ programmazzjoni 2007–2013

44 L-Artikolu 78(7) tad-dispożizzjonijiet komuni 2007–2013 jipprevedi biss obbligu ġenerali ħafna ta’ użu mill-ġdid, fejn jgħid li r-riżorsi mħallsa lura jridu jintużaw għall-benefiċċju ta’ proġetti ta’ żvilupp urban, minn intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju, jew għall-effiċjenza enerġetika u l-użu ta’ enerġija rinnovabbli fil-bini, inkluża akkomodazzjoni eżistenti. Ma hemm l-ebda restrizzjoni rigward il-forma, l-ammont jew il-limitu ta’ żmien tal-użu mill-ġdid, u d-dispożizzjonijiet komuni ma jagħmlux distinzjoni bejn l-obbligi tal-użu mill-ġdid matul u wara l-perjodu ta’ eliġibbiltà.

[3] L-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u l-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

45 Bħala komplement għad-dispożizzjonijiet komuni, il-Kummissjoni ħarġet diversi dokumenti ta’ gwida. Wieħed minn dawn, il-2011 Guidance Note on Financial Engineering Instruments skont l-Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, jagħti parir lill-Istati Membri biex jerġgħu jużaw ir-rimborżi għall-istess tip ta’ azzjoni, fl-istess reġjun u għal durata indefinita, sakemm jispiċċaw il-fondi. Madankollu, il-gwida waslet tard fil-perjodu ta’ programmazzjoni, li kien ifisser li l-biċċa l-kbira mill-istrumenti finanzjarji kienu laħqu ġew stabbiliti. Billi l-gwida mhijiex vinkolanti fuq l-Istati Membri, ma ġietx segwita b’mod universali.

## Il-perjodu ta’ programmazzjoni 2014–2020

46 Il-Premessa 34 tad-dispożizzjonijiet komuni 2014–2020 tirreferi għall-fatt li l-importanza tal-istrumenti finanzjarji qiegħda kulma jmur tikber minħabba l-potenzjal tagħhom li jiksbu effett ta’ ingranaġġ fuq il-fondi taħt il-politika ta’ koeżjoni, il-kapaċità tagħhom li jikkombinaw forom differenti ta’ riżorsi pubbliċi u privati, u minħabba li l-forom rotanti ta’ finanzi jaf jagħmlu dan l-appoġġ iktar sostnut fuq terminu ta’ żmien itwal.

47 L-Artikolu 44(1) jirregola l-użu mill-ġdid ***matul il-perjodu ta’ eliġibbiltà***, u jipprevedi li r-riżorsi mħallsa lura lill-istrumenti finanzjarji u attribwibbli għall-fondi SIE jenħtieġ li jintużaw għal: (a) aktar investimenti permezz tal-istess strumenti finanzjarji jew strumenti finanzjarji oħra, (b) biex ikopru t-telf li jirriżulta minn mgħax negattiv fuq bilanċi ddepożitati, u (c) biex ikopru l-kostijiet u t-tariffi għall-ġestjoni tal-istrumenti finanzjarji.

48 L-Artikolu 45 jistabbilixxi l-użu mill-ġdid tar-riżorsi mħallsa lura ***wara tmiem il-perjodu ta’ eliġibbiltà*** billi jirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li r-riżorsi li huma attribwibbli għas-sostenn mill-Fondi FSIE, li tħallsu lura matul perjodu ta’ mill-inqas 8 snin wara tmiem il-perjodu ta’ eliġibbiltà, jerġgħu jintużaw b’konformità mal-għanijiet tal-programmi rispettivi. Dan jista’ jsir jew fl-istess strumenti finanzjarji jew fi strumenti finanzjarji oħra, jew permezz ta’ forom oħra ta’ sostenn, bħal għotjiet.

49 Il-Kummissjoni ma ħarġet l-ebda nota ta’ gwida komprensiva dwar l-użu mill-ġdid, iżda maż-żmien iċċarat ċerti aspetti tar-rimborżi fil-forma ta’ Mistoqsijiet u Tweġibiet mal-awtoritajiet maniġerjali li għamlulha l-mistoqsijiet (ara l-***Kaxxa 5***). Filwaqt li l-awtoritajiet maniġerjali sabu li dan kien ta’ għajnuna b’mod ġenerali, uħud minnhom ħassew li l-gwida kienet tkun aktar aċċessibbli li kieku ġiet ippreżentata f’daqqa f’dokument wieħed.

## Kaxxa 5

### Kjarifiki li l-Kummissjoni għamlet dwar l-użu mill-ġdid tar-rimborżi matul u wara tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà

Il-Kummissjoni tat pariri lill-awtoritajiet maniġerjali dwar diversi aspetti rigward l-użu mill-ġdid tar-rimborżi, pereżempju:

(1) ir-riżorsi mħallsa lura matul il-perjodu ta' eliġibbiltà jistgħu jerġgħu jintużaw biex ikopru t-tariffi u l-kostijiet ta' ġestjoni li jaqbżu l-limiti massimi tad-dispożizzjonijiet komuni;

(2) ir-rimborżi minn perjodu ta' programmazzjoni jistgħu jerġgħu jintużaw bħala kofinanzjament nazzjonali għal strumenti finanzjarji fil-perjodu ta' programmazzjoni sussegwenti, iżda mhux fil-perjodu li jkun għaddej;

(3) ir-riżorsi attribwibbli għas-sostenn mill-Fondi SIE mħallsa lura lill-istrumenti finanzjarji mill-1 ta' Jannar 2032 ma għandhomx għalfejn jikkonformaw mar-rekwiżit tal-użu mill-ġdid, u jistgħu jintużaw għal skopijiet oħra.

*Sors:* it-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet tal-awtoritajiet maniġerjali dwar ir-rimborżi fil-perjodu 2014–2020.

50 Aħna sibna wkoll li l-Kummissjoni kienet ħarġet ittra ta' gwida lill-Ġermanja, fejn tippermetti li jerġgħu jintużaw rimborżi attribwibbli għall-fondi SIE biex ikopru l-kost tal-kofinanzjament nazzjonali fl-istess perjodu (rata ta' mgħax imħallsa minn bank nazzjonali għall-iżvilupp, għat-teħid b'self ta' flus fis-suq finanzjarju). Madankollu, din il-prattika kienet strettament ipprojbita mill-gwida tal-Kummissjoni stess kemm fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 kif ukoll mill-gwida l-ġdida tagħha fil-perjodu 2014–2020 (ara l-punt 2 fil-***Kaxxa 5*** hawn fuq).

### Il-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027

51 L-Artikolu 62(1) tad-dispożizzjonijiet komuni għall-2021–2027 dwar ir-rekwiżit tal-użu mill-ġdid matul il-perjodu ta' eliġibbiltà, għalkemm għandu formulazzjoni simili ħafna għal dik tad-dispożizzjonijiet tal-perjodu 2014–2020, jintroduċi l-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Huwa jiċċara li r-rimborżi jistgħu jerġgħu jintużaw għall-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni, iżda fir-rigward ta' investimenti ulterjuri biss. Apparti dan, id-dispożizzjonijiet ma nbidlux b'mod sostanzjali minn dawk li nħarġu għall-perjodu 2014–2020. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li r-regoli huma ċari biżżejjed, u li ma kellhiex bżonn toħroġ gwida oħra.

## Il-Kummissjoni ma ssorveljatx l-użu mill-ġdid tar-rimborżi tal-istrumenti finanzjarji

52 Il-finanzjament fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni, inklużi l-istrumenti finanzjarji, jitwassal permezz ta' ġestjoni kondiviża fejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkondividu r-responsabbiltà għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE b'konformità mar-regoli u r-rispett tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Madankollu, il-Kummissjoni żżomm ir-responsabbiltà aħħarija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u jeħtiġilha tagħmel mod li s-sorveljanza tax-xogħol tal-awtoritajiet, l-aġenziji u l-korpi differenti fl-Istati Membri ssir żgur[4]. Din is-sorveljanza tinkludi l-monitoraġġ, il-verifikazzjoni u l-awditjar tal-użu tal-fondi tal-UE. Aħna vvalutajna kif il-Kummissjoni teżerċita dawn ir-responsabbiltajiet b'rabta mal-istrumenti finanzjarji.

53 Sibna li l-awtoritajiet maniġerjali kienu meħtieġa jagħtu rendikont lill-Kummissjoni dwar l-użu mill-ġdid ta' rimborżi matul il-perjodu 2007–2013 u l-perjodu 2014–2020, għalkemm f'livelli differenti. Madankollu, il-Kummissjoni ma vverifikatx u ma użatx biżżejjed din id-*data* dwar l-użu mill-ġdid li jwettqu l-Istati Membri. Għalkemm wettqet 11-il awditu tematiku dwar strumenti finanzjarji, sibna li dawn l-awditi koprew biss 3 % tal-għadd totali ta' strumenti finanzjarji, u li d-dokumentazzjoni tal-awditjar dwar l-obbligu tal-użu mill-ġdid kienet limitata.

54 Filwaqt li fil-perjodu 2007–2013 ma kien hemm l-ebda rappurtar meħtieġ mill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar l-użu mill-ġdid tar-rimborżi ***matul il-perjodu ta' eliġibbiltà***, fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 kien hemm rekwiżiti estensivi ta' rappurtar għall-awtoritajiet maniġerjali. Għall-perjodu 2021–2027, il-Kummissjoni naqqset ir-rekwiżiti ta' rappurtar u eliminat ir-rekwiżit tagħha li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jipprovdu *data* dwar kif reġgħu użaw ir-rimborżi matul il-perjodu.

55 Fir-rigward tal-użu mill-ġdid tar-riżorsi mħallsa lura ***wara l-perjodu ta' eliġibbiltà***, fil-waqt tal-għeluq tal-programm, il-Kummissjoni tivverifika l-arranġamenti tal-Istati Membri għall-użu sussegwenti tal-fondi li jintirtu. Madankollu, il-Kummissjoni la timmonitorja, la tivverifika u lanqas tawditja l-użu reali li jkun sar mill-fondi li jintirtu u ma tafx jekk, fil-prattika, l-Istati Membri jew ir-reġjuni fil-fatt jużawx il-fondi li jintirtu biex ikomplu jappoġġaw l-objettivi tal-politika ta' koeżjoni kif inhu meħtieġ mid-dispożizzjonijiet komuni.

[4] L-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**56** Sibna wkoll li hemm inkonsistenza fir-rekwiżiti legali kemm għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 kif ukoll għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, billi l-Istati Membri huma meħtieġa jerġgħu jużaw rimborżi ġġenerati matul perjodu ta' 8 snin wara l-perjodu ta' programmazzjoni. Fl-istess ħin, id-dokumenti relatati mal-istrumenti finanzjarji inkwistjoni jeħtieġ li jinżammu biss għal 3 snin wara l-għeluq (għall-perjodu 2014–2020) u 5 snin wara li jkun sar l-aħħar pagament lill-istrument finanzjarju (għall-perjodu 2021–2027). Dan jirrestrinġi l-mezzi li l-Kummissjoni għandha biex timmonitorja u tawditja l-użu mill-ġdid tal-fondi li jintirtu.

### Il-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013

**57** Matul il-perjodu 2007–2013, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni dwar il-firxa tar-rimborżi u l-użu mill-ġdid tagħhom. Abbażi ta' informazzjoni obbligatorja pprovduta mill-Istati Membri bħala parti mill-pakketti ta' għeluq, il-Kummissjoni stmat li r-riċevituri finali kienu ħallsu lura EUR 8.5 biljun (madwar nofs il-finanzjament allokat lil strumenti finanzjarji f'dak il-perjodu ta' programmazzjoni). Dan jinkludi l-fondi li jintirtu rrappurtati mill-Istati Membri u l-istimi tal-Kummissjoni ta' rimborżi futuri sal-mument ta' stralċ tal-istrumenti. Madankollu, din iċ-ċifra mhijiex affidabbli, billi l-Kummissjoni qatt ma vverifikat jew awditjat l-użu (mill-ġdid) reali ta' dawn il-fondi li jintirtu.

### Il-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020

**58** Fil-perjodu 2014–2020, saru obbligatorji għall-awtoritajiet maniġerjali rekwiżiti ta' rappurtar aktar estensivi dwar l-użu mill-ġdid tar-rimborżi matul il-perjodu ta' programmazzjoni[5]. Il-Kummissjoni kkomplementat ir-regolament bi gwida speċifika[6]. Sibna li l-Kummissjoni wettqet verifiki tal-plawżibbiltà tad-*data* li l-Istati Membri kienu pprovdew fir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni tagħhom, iżda la vverifikat u lanqas awditjat l-affidabbiltà ta' din id-*data*. L-awditu li wettaqna kkonferma li d-*data* mhux dejjem kienet affidabbli; pereżempju xi drabi, l-awtoritajiet maniġerjali rrappurtaw b'mod skorrett li ma kien sar l-ebda użu mill-ġdid. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet *data* dwar l-ewwel ċiklu ta' investiment biss. Dan ipprovda biss stampa mhux kompluta u limitata tal-effett rotanti.

---

[5] L-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 1303/2013 u l-Anness I għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 821/2014 jiddefinixxu l-mudell għar-rappurtar ta' informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji, li jkopri l-informazzjoni dwar ir-ripagamenti mir-riċevituri finali (il-linja 36) u l-użu mill-ġdid tal-fondi (il-linja 37).

[6] 2021 update of the annotated template for reporting on financial instruments.

59 Il-Kummissjoni pproduċiet sommarji annwali dwar l-istrumenti finanzjarji abbażi tad-*data* li ġiet irrappurtata lilha[7]. Madankollu, ma tħejja l-ebda rapport annwali ta' implimentazzjoni għall-2023[8] (l-aħħar sena tal-perjodu ta' eliġibbiltà), u konsegwentement mhi se tkun disponibbli l-ebda *data* dwar l-użu mill-ġdid minn dak iż-żmien sal-għeluq fl-2026. Din hija opportunità mitlufa għall-verifikazzjoni, l-awditjar u anke l-evalwazzjoni tal-użu mill-ġdid attwali tar-rimborżi, billi dan il-perjodu se jara akkumulazzjoni aċċellerata ta' rimborżi u għalhekk potenzjal sinifikanti għall-użu mill-ġdid.

### Il-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027

60 Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, ir-rekwiżiti ta' rappurtar dwar l-użu ta' strumenti finanzjarji tnaqqsu u saru ħafna inqas dettaljati. Dan ġie ġġustifikat mill-Kummissjoni minħabba l-ħtieġa li jiġi ssimplifikat il-proċess u li tittejjeb il-preċiżjoni tad-*data* li għadha tiġi pprovduta. Skont id-dispożizzjonijiet komuni[9], ma għadhiex meħtieġa informazzjoni dwar l-użu mill-ġdid tar-rimborżi mħallsa lura mir-riċevituri finali. Għalhekk il-Kummissjoni ma għandha l-ebda bażi li fuqha tista' timmonitorja, tivverifika u tawditja l-użu mill-ġdid tar-rimborżi matul il-perjodu ta' programmazzjoni. Mingħajr l-ebda kontroll tal-Kummissjoni, hemm saħansitra inqas inċentiv għall-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-użu mill-ġdid tar-rimborżi minflok l-assorbiment tal-fondi disponibbli taħt il-programmi operazzjonali.

---

[7] L-Artikolu 46(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

[8] L-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

[9] L-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

## L-Istati Membri jindirizzaw l-obbligu tal-użu mill-ġdid sa ċertu punt, iżda l-ftehimiet ta’ finanzjament ġeneralment ma jagħtux inċentivi għall-investiment mill-ġdid

61 Ivvalutajna kemm l-awtoritajiet tal-Istati Membri jindirizzaw l-obbligu tal-użu mill-ġdid meta jistabbilixxu strumenti finanzjarji, u jekk jiħdux miżuri biex iħeġġu lill-maniġers tal-fondi jerġgħu jużaw ir-rimborżi. Aħna eżaminajna l-ftehimiet ta’ finanzjament tal-istrumenti finanzjarji magħżula.

62 Fl-istadju tal-istabbiliment tal-istrumenti finanzjarji, l-awtorità maniġerjali u l-maniġer tal-fond jiffirmaw ftehim ta’ finanzjament li jiddeskrivi fil-qosor it-termini u l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni. Skont il-qafas legali, dan jenħtieġ li jinkludi dispożizzjonijiet rigward l-użu mill-ġdid tar-rimborżi matul u wara tmiem il-perjodu ta’ eliġibbiltà[10].

63 Aħna sibna li, filwaqt li l-ftehimiet ta’ finanzjament kollha jindirizzaw sa ċertu punt il-kwistjoni tal-użu mill-ġdid ***matul il-perjodu ta’ eliġibbiltà***, hemm differenzi konsiderevoli f’kemm jieħdu l-impenn li jerġgħu jinvestu r-rimborżi u fil-livell ta’ dettall relatat. Filwaqt li xi wħud isemmu biss id-dispożizzjonijiet komuni, oħrajn jipprovdu rekwiżiti aktar speċifiċi (ara t-***Tabella 3***). Madankollu, filwaqt li hija prattika komuni li r-rimborżi jintużaw biex ikopru l-ispejjeż u t-tariffi ta’ ġestjoni, aħna identifikajna obbligu ta’ investiment mill-ġdid awtomatiku tar-rimborżi f’sitt każijiet biss, relatati mal-fond ta’ parteċipazzjoni FARE LAZIO (inklużi erba’ fondi speċifiċi) u t-Thüringen Dynamik fil-perjodu 2007–2013 u fil-perjodu 2014–2020.

[10] L-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u l-Anness X għar-Regolament (UE) 2021/1060.

## Tabella 3 | Dispożizzjonijiet tal-ftehim ta’ finanzjament dwar l-użu mill-ġdid matul il-perjodu ta’ eliġibbiltà, strumenti finanzjarji matul il-perjodu 2014–2020 u l-perjodu 2021–2027

| *Pajjiż* | *Isem l-istrument finanzjarju* | *Perjodu* | *Użu matul il-perjodu* |
|---|---|---|---|
| **Il-Ġermanja** | **KMU-Darlehensfonds Berlin** | 2014 - 2020 | (1) għar-remunerazzjoni preferenzjali tal-maniġer tal-fond,<br>(2) għar-rimborż tal-kostijiet u t-tariffi ta’ ġestjoni tal-maniġer tal-fond,<br>(3) biex ikopri rati ta’ mgħax potenzjalment negattivi,<br>(4) għall-parti li jifdal għal aktar investimenti |
| | | 2021 - 2027 | (1) għar-remunerazzjoni preferenzjali tal-maniġer tal-fond,<br>(2) għar-rimborż tal-kostijiet u t-tariffi ta’ ġestjoni tal-IBB,<br>(3) biex ikopri rati tal-imgħax potenzjalment negattivi, u<br>(4) għal aktar investimenti f’benefiċjarji finali |
| | **Mikromezzaninefonds Deutschland Bund** | 2014 - 2020 | biex tiġi koperta t-talba ta’ mgħax tal-ERP-SV u biex jitħallsu lura l-fondi pprovduti mill-ERP-SV bħala sehem ta’ kofinanzjament nazzjonali |
| | | 2021 - 2027 | primarjament biex jitħallas l-imgħax għall-kofinanzjatur nazzjonali (ERP-SV), u biex jiġu koperti l-kostijiet u t-tariffi ta’ ġestjoni |
| | **Thüringen Dynamik** | 2014 - 2020 | għal investimenti ġodda f’benefiċjarji finali fil-perjodu ta’ finanzjament mill-2021 ’il quddiem |
| **Il-Greċja** | **TEPIX II** | 2014 - 2020 | jew għal investimenti addizzjonali permezz tal-istess strument finanzjarju jew strument finanzjarju ieħor, jew biex jiġu koperti l-kostijiet ta’ ġestjoni tat-TEPIX II |
| | **TEPIX III** | 2021 - 2027 | għal aktar investimenti fl-istess strument finanzjarju jew fi strument finanzjarju ieħor u biex jiġu koperti t-tariffi u l-kostijiet ta’ ġestjoni |
| | **EQUIFUND** | 2014 - 2020 | prinċipalment biex jiġu koperti t-tariffi u l-kostijiet ta’ ġestjoni u għall-investimenti permezz tal-istess strument finanzjarju jew strument finanzjarju ieħor |
| | **Garanzija tal-COVID–19** | 2014 - 2020 | għall-ħlas ta’ tariffi ta’ ġestjoni pendenti u għall-ħlas ta’ mgħax fil-każ ta’ rati ta’ mgħax negattivi |
| **L-Ungerija** | **Fond ta’ Investiment fl-ambitu tal-Prijorità 8 tal-GINOP (22 fond speċifiku)** | 2014 - 2020 | għal aktar investiment u biex jiġu koperti t-tariffi u l-kostijiet ta’ ġestjoni |
| | **Self EFOP** | 2014 - 2020 | |
| | **Self GINOP Plusz** | 2021 - 2027 | |
| **L-Italja** | **FARE Lazio – Fond ta’ Parteċipazzjoni (4 fondi speċifiċi)** | 2014 - 2020 | għal aktar investiment permezz ta’ riċiklaġġ awtomatiku ta’ rimborżi sal-31 ta’ Ottubru 2023 |
| | **POR Puglia Microcredito** | 2014 - 2020 | għal aktar investiment fl-istess strument finanzjarju b’konformità mal-Artikolu 44 tar-RDK 1303/2013 |
| | **NP Ricerca, Innovazione e Competitività per la Transizione Verde e Digitale (MIMIT)** | 2021 - 2027 | għal aktar investimenti u biex jiġu koperti t-tariffi u l-kostijiet ta’ ġestjoni u telf potenzjali skont l-Artikolu 62 tar-RDK 1060/2021 |
| **Is-Slovakkja** | **IROP PA 4 – SFRB** | 2014 - 2020 | għal aktar investimenti fl-istess strument finanzjarju |
| | **OP II PA 11 – Fond ta’ Parteċipazzjoni (24 fond speċifiku)** | 2014 - 2020 | skont l-Artikolu 44 tar-RDK 1303/2013 |

*Nota:* l-informazzjoni li tinsab f’din it-tabella tirreferi għal-livell tal-fondi ta’ parteċipazzjoni. Is-17-il fond murija fit-tabella b’kollox jinkludu 68 fond speċifiku.

*Sors:* il-QEA, abbażi ta’ informazzjoni mingħand l-awtoritajiet maniġerjali.

64 Hemm ukoll differenzi konsiderevoli fid-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet ta' finanzjament dwar l-użu ta' fondi li jintirtu ***wara l-perjodu ta' eliġibbiltà*** (l-*Anness II*). Nofs l-istrumenti finanzjarji inklużi fil-kampjun tagħna stipulaw li jsir trasferiment ta' rimborżi f'kontijiet tal-gvern (awtorità maniġerjali) sakemm tittieħed deċiżjoni ddedikata dwar l-użu mill-ġdid tagħhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet komuni. In-nofs l-ieħor ippreveda li r-rimborżi jenħtieġ li jibqgħu għand il-maniġer tal-fond, biex jintużaw għall-istess skop fl-istess strument finanzjarju jew is-suċċessur tiegħu (il-*Kaxxa 6*).

## Kaxxa 6

### Strumenti finanzjarji li jkomplu jinvestu wara tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà

Meta l-ftehimiet ta' finanzjament jipprevedu li r-rimborżi jenħtieġ li jibqgħu għand il-maniġer tal-fond biex jerġgħu jiġu investiti, dan huwa sinjal ta' impenn akbar mill-awtoritajiet maniġerjali biex jużaw il-fondi li jintirtu għall-istess objettiv.

Aħna sibna diversi eżempji ta' dan it-tip fil-kampjun tagħna:

- il-ftehimiet ta' finanzjament għall-fond ta' self KMU-Darlehensfonds Berlin ipprevedew li għat-tliet perjodi kollha, il-fondi li jintirtu jenħtieġ li jibqgħu għand il-maniġer tal-fond biex ikomplu jagħtu appoġġ lill-SMEs;
- il-ftehimiet ta' finanzjament għall-istrumenti finanzjarji ta' self Thüringen Dynamik għall-perjodu 2007–2013 u l-perjodu 2014–2020 ipprevedew li l-fondi li jintirtu jenħtieġ li jintużaw biex jiffinanzjaw strumenti suċċessuri li jkunu ġew stabbiliti mill-istess maniġer tal-fond, bil-għan li jappoġġaw l-SMEs;
- fis-Slovakkja, mill-perjodu 2014–2020 'il hawn, il-qafas legali nazzjonali u l-ftehimiet ta' finanzjament kollha pprevedew li l-fondi ta' legat jenħtieġ li jerġgħu jintużaw fl-istess strument finanzjarju għall-istess objettiv għal minn tal-inqas 8 snin wara tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà u possibbilment lil hinn minnu, skont il-valutazzjoni tas-suq jew id-deċiżjoni tal-gvern.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sra Annemie Turtelboom, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-22 ta’ Ottubru 2025.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Tony Murphy
*Il-President*

# Annessi

## Anness I — Dwar l-awditu

### L-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni

01 Tradizzjonalment, il-politika ta' koeżjoni titwettaq permezz ta' għotjiet li jipprovdu appoġġ finanzjarju ta' darba biss lil benefiċjarji privati jew pubbliċi, biex jiġu implimentati proġetti li jappoġġaw l-objettivi tal-politika reġjonali. L-**istrumenti finanzjarji** huma forma ta' appoġġ fejn prodotti finanzjarji jwasslu fondi tal-UE lir-riċevituri finali. Jipprovdu alternattiva għall-programmi ta' għotjiet tradizzjonali u huma l-aktar adatti fejn l-investimenti x'aktarx jiġġeneraw redditi finanzjarji jew tfaddil li jistgħu jintużaw biex jitħallas lura l-appoġġ li jkun ġie pprovdut.

02 L-istrumenti finanzjarji ġew introdotti formalment fil-politika ta' koeżjoni tal-UE matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013, għalkemm qabilhom kienu jeżistu xi verżjonijiet bikrija u inizjattivi pilota. L-istrumenti finanzjarji ġew enfasizzati u promossi aktar mill-Kummissjoni bħala mod kif jitkompla l-effett tal-finanzjament tal-UE mogħti lill-Istati Membri permezz ta' użu multiplu għall-perjodi suċċessuri 2014–2020 u 2021–2027. Huma jistgħu jieħdu l-forma ta' prodotti finanzjarji differenti: self, garanziji, jew investimenti ta' ekwità/kważi-ekwità.

**03** Is-**self** li jipprovdu l-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni huwa mfassal biex jindirizza l-fallimenti tas-suq, billi jipprovdi fondi f'każijiet fejn il-finanzjament tradizzjonali jaf ma jkunx disponibbli jew biżżejjed għall-grupp immirat ta' riċevituri finali. L-istrumenti finanzjarji ta' self mill-FEŻR spiss jinvolvu mudell ta' kondiviżjoni tar-riskju, fejn ir-riskju ta' self inadempjenti jiġi kondiviż bejn ir-riżorsi tal-programm tal-FEŻR u intermedjarju finanzjarju li jkun qed jimplimenta l-istrument. Dan il-mudell jippermetti li jingħataw self riċevituri finali li jkollhom riskju għoli ta' inadempjenza, li propju minħabba dan ir-riskju ma jsibux finanzjament fis-suq. Jew sempliċiment biex jagħti lil mutwatarji termini u kundizzjonijiet aħjar minn dawk li altrimenti jistgħu jistennew, bħal rati ta' mgħax aktar baxxi, perjodi itwal għar-ripagament, u rekwiżiti ta' kollateral imnaqqsa. Is-self jista' jiġi kkombinat ukoll ma' għotjiet biex ir-riċevituri finali jingħataw appoġġ addizzjonali. Dan jista' jinkludi sussidji fuq ir-rati ta' mgħax, għotjiet ta' appoġġ tekniku, għotjiet kapitali, u ribassi fuq il-kapital. Dan jgħin biex il-finanzjament isir aktar affordabbli u jindirizza d-diskrepanzi fil-vijabbiltà tal-proġetti.

**04** Il-finanzjament mill-**ekwità** jista' jkollu rwol kruċjali fl-appoġġ tan-negozji, speċjalment għal kumpaniji b'rata għolja ta' tkabbir u negozji ġodda innovattivi. Huwa partikolarment ta' benefiċċju għan-negozji intraprenditorjali li jfittxu li jiżviluppaw prodotti innovattivi, jistabbilixxu swieq ġodda, jew jespandu f'territorji ġodda. Huwa jipprovdi l-kapital meħtieġ għar-riċerka u l-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni, u l-operazzjonijiet ta' skalar. L-investituri fl-ekwità jsiru sidien bin-nofs tan-negozju, u jaqsmu l-profitti u t-telf li jagħmel. L-għan tal-allinjament tal-interessi tal-investituri ma' dawk tan-negozju huwa li jitrawwem approċċ kollaborattiv għat-tkabbir u s-suċċess. Il-finanzjament mill-ekwità joffri soluzzjonijiet flessibbli li jistgħu jiġu adattati għall-ħtiġijiet uniċi tan-negozji. Dan jinkludi ċikli ta' finanzjament differenti, kapital ta' riskju meta mqabbel ma' ekwità privata, u diversi strateġiji ta' ħruġ. Il-finanzjament ta' **kważi-ekwità** jinkwadra ruħu bejn l-ekwità u d-dejn, li għandu riskju ogħla mid-dejn superjuri u riskju iżgħar mill-ekwità komuni.

**05** L-istrumenti finanzjarji ta' **garanzija** huma mfassla biex jipprovdu protezzjoni kontra telf lill-banek f'każ ta' inadempjenzi ta' self. B'hekk itejbu l-kapaċità ta' self u l-predispożizzjoni tagħhom għal proġetti aktar riskjużi. Il-banek li jirċievu garanziji spiss huma obbligati joffru kundizzjonijiet ta' finanzjament aħjar għar-riċevituri finali. Dawn jistgħu jinkludu rati ta' mgħax aktar baxxi u inqas rekwiżiti ta' kollateral, li jagħmlu s-self aktar aċċessibbli u affordabbli. Il-garanziji għandhom il-potenzjal li joħolqu effett ta' ingranaġġ, li jippermetti ammont relattivament żgħir ta' fondi ta' garanzija li jappoġġa portafoll ta' self ħafna akbar. Pereżempju, garanzija għal self ta' portafoll b'rata ta' garanzija ta' 80 % u rata tal-limitu massimu tal-garanzija ta' 25 % tista' tappoġġa portafoll ta' self li huwa ħames darbiet akbar mill-ammont garantit tal-portafoll.

06 Fl-ambitu tal-politika ta’ koeżjoni, il-prodotti finanzjarji li jiġu appoġġati minn strumenti finanzjarji jitwasslu lir-riċevituri finali permezz ta’ intermedjarji finanzjarji (il-*Figura 1*). Dawn huma ġeneralment banek tas-settur privat jew pubbliku, jew intermedjarji finanzjarji oħra, aktar milli l-korpi tal-amministrazzjoni pubblika li jintużaw biex jiġi implimentat il-finanzjament ta’ koeżjoni ġenerali. Fir-rigward tal-istrumenti tal-FEŻR u tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), jekk l-għażla tal-maniġer tal-fond hija suġġetta għal offerta miftuħa, din trid tikkonforma mar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE u dawk nazzjonali. F’sitwazzjonijiet fejn ir-regoli tal-akkwist pubbliku ma jkunux japplikaw (fejn il-kuntratt tal-ġestjoni tal-fond ma jkunx kuntratt tas-servizz pubbliku), l-awtorità maniġerjali tista’ taħtar il-maniġer tal-fond, bil-kundizzjoni li jkun hemm konformità mar-regoli rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-grupp tal-BEI (li jinkludi l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)) igawdi minn status speċjali peress li jista’ jinħatar bħala maniġer tal-fond mingħajr proċedura ta’ akkwist pubbliku.

## Figura 1 | It-twassil ta’ strumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta’ koeżjoni: Eżempju ta’ self




*Nota:* iċ-ċiklu ta’ investiment jerġa’ jibda malli jaslu r-rimborżi għand l-intermedjarji finanzjarji.

*Sors:* il-QEA.

## Vantaġġi tal-istrumenti finanzjarji

07 L-istrumenti finanzjarji jitqiesu li jtejbu l-effiċjenza tal-finanzjament pubbliku minħabba n-***natura potenzjalment rotanti*** tagħhom, li tfisser il-possibbiltà li jerġgħu jintużaw ir-rimborżi riċevuti mir-riċevituri finali (eż. ir-ripagamenti tas-self). Fejn in-natura rotanti timmaterjalizza fil-prattika, din tikkontribwixxi għall-***użu kontinwu għal żmien twil*** tal-fondi tal-UE. Barra minn hekk, ir-rekwiżit għar-riċevituri finali biex iħallsu lura l-appoġġ li jkunu rċevew huwa meqjus bħala inċentiv għalihom biex jimmaniġġjaw il-finanzi tagħhom b'mod sod, eż. ippjanar u investiment ta' kwalità aħjar, u dixxiplina finanzjarja akbar (ara l-***Kaxxa 1***).

### Kaxxa 1

#### Il-Fond Speċjali tal-Programm għall-Irkupru Ewropew — eżempju ta' użu kontinwu tal-finanzi pubbliċi

Eżempju prominenti, għalkemm mhux iffinanzjat mill-UE, tal-użu għal żmien twil ta' fond ta' investiment pubbliku huwa l-Fond Speċjali tal-Programm għall-Irkupru Ewropew (ERP), li inizjalment inħoloq ftit wara t-Tieni Gwerra Dinjija mis-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti, George C. Marshall. Fil-Ġermanja, il-programm beda jiġi implimentat fl-1948, meta ġie stabbilit il-Kreditanstalt für Wiederaufbau (KfW) tal-Istat. Minn dak iż-żmien sal-1952, il-Ġermanja tal-Punent irċeviet madwar USD 1.39 biljun f'assistenza ekonomika mingħand il-programm.

Meta l-Pjan Marshall intemm fl-1953, il-Ġermanja tal-Punent qablet, skont il-Ftehim ta' Londra dwar id-Dejn, li tħallas lura l-biċċa l-kbira mill-fondi li kienet irċeviet. Il-Gvern Federali ddeċieda li jħallas id-dejn mill-baġit federali, filwaqt li ħalla d-daqs tal-fond ERP immaniġġjat mill-KfW kif kien, u ppromulga leġiżlazzjoni li stabbiliet li s-sustanza tal-fond kellha tibqa' kif kienet biex tippermetti appoġġ ekonomiku li jibqa' għaddej.

Sa mit-twaqqif tiegħu, il-KfW żborża aktar minn EUR 2.4 triljun f'appoġġ ekonomiku, abbażi tal-assi inizjali attribwibbli għall-Fond Marshall. Illum, il-fond ERP jintuża biex jiffinanzja programmi ta' appoġġ strutturali, jippromwovi l-SMEs u programmi ta' protezzjoni ambjentali permezz ta' għotjiet, self u appoġġ għall-ekwità. Jipprovdi wkoll boroż ta' studju u appoġġ finanzjarju li jippromwovu relazzjonijiet transatlantiċi. Mill-1990 'il hawn, il-fond ERP kellu rwol partikolarment importanti fir-rikostruzzjoni tal-istati federali tal-Ġermanja tal-Lvant.

*Sors:* il-QEA, abbażi tas-sit elettroniku tal-KfW.

08 Barra minn hekk, l-istrumenti finanzjarji għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw ***effett ta' ingranaġġ***, billi jattiraw aktar finanzjament privat jew pubbliku. L-investiment privat jaf iġib miegħu għarfien espert mis-settur privat. Il-kumpaniji u l-awtoritajiet lokali li jibbenefikaw minn strumenti finanzjarji jistgħu potenzjalment jibbenefikaw minn appoġġ attiv meta jkunu qed jiżviluppaw il-proġetti tagħhom. Dan għaliex l-organizzazzjonijiet li jkunu nħatru biex jimmaniġġjaw l-istrumenti finanzjarji huma motivati biex jaraw l-investimenti tagħhom jirnexxu.

## L-importanza tal-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni

09 L-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni jiġu implimentati prinċipalment taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), u sa livell inqas il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI).

10 L-użu tagħhom sar ferm aktar mifrux mill-perjodu 2007–2013 'il hawn, għalkemm ċerti forom ta' assistenza rotanti kienu diġà disponibbli matul il-perjodu 1994–1999, prinċipalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). L-użu tal-istrumenti finanzjarji espanda aktar fil-perjodu 2014–2020, iżda l-fondi ddedikati sa issa lill-istrumenti finanzjarji għall-perjodu 2021–2027 jindikaw tnaqqis fl-użu (il-*Figura 2*).

### Figura 2 | Is-sehem tal-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni, il-perjodu 2007–2027




*Sors:* il-QEA, abbażi ta'Open cohesion data.

11 Il-baġit totali għall-koeżjoni żdied minn EUR 346 biljun fil-perjodu 2007–2013 għal EUR 368 biljun fil-perjodu 2021–2027. Minħabba l-kriżi tal-COVID-19, matul il-perjodu 2014–2020 il-baġit ġie aġġustat għall-ammont ferm ogħla ta’ EUR 405 biljun. L-ammonti totali impenjati għall-istrumenti finanzjarji żdiedu minn EUR 16.9-il biljun matul l-2007–2013 għal EUR 31.0 biljun matul il-perjodu 2014–2020. Bħalissa l-ammont għall-perjodu 2021-2027 huwa ta’ EUR 19.4-il biljun (il-***Figura 2***). Bl-eliminazzjoni tal-effetti relatati mal-COVID-19, madwar 5 % tal-baġit ta’ koeżjoni ntuża permezz ta’ strumenti finanzjarji matul it-tliet perjodi. L-Istati Membri kollha, minbarra l-Irlanda u l-Lussemburgu, użaw strumenti finanzjarji (il-***Figura 3***).

## Figura 3 | Fondi Strutturali impenjati għal strumenti finanzjarji għal kull Stat Membru u perjodu (*EUR miljun*)




*Nota:* l-Irlanda u l-Lussemburgu ma kellhom l-ebda strument finanzjarju fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni matul it-tliet perjodi.

*Sors:* il-QEA, abbażi ta'Open cohesion data.

12 Matul l-2007–2013, l-istrumenti finanzjarji ntużaw prinċipalment biex jappoġġaw lill-SMEs (89 %), l-iżvilupp urban (7 %), u l-enerġija/l-enerġiji rinnovabbli (4 %). Mill-2014 'il hawn, il-qafas legali ppermetta użu akbar ta' objettivi tematiċi, u l-ogħla allokazzjonijiet imorru għall-kompetittività tal-SMEs (madwar żewġ terzi), it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (8 %), u r-riċerka u innovazzjoni (8 %).

## Il-qafas ġuridiku

13 L-użu tal-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni huwa regolat mid-dispożizzjonijiet komuni għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża. Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu regoli li jirregolaw l-implimentazzjoni, l-immaniġġjar, il-kontroll u r-rappurtar għall-perjodi rilevanti. Ir-regolamenti speċifiċi għall-fond jistipulaw dispożizzjonijiet dettaljati komplementari dwar prijoritajiet, miżuri u kofinanzjament.

14 Il-Kummissjoni toffri wkoll gwida ġenerali permezz ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni u dokumenti oħra. Fuq talba, tagħti wkoll pariri lill-Istati Membri. Flimkien mal-BEI, il-Kummissjoni stabbiliet il-pjattaforma elettronika FI Compass, li toffri informazzjoni ġenerali, għodod prattiċi u opportunitajiet ta' tagħlim dwar l-istrumenti finanzjarji tal-UE taħt ġestjoni kondiviża. Fuq talba, il-Kummissjoni toffri pariri speċifiċi dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji.

15 Fir-rigward tal-użu mill-ġdid tar-rimborżi, l-aktar referenzi importanti huma l-Artikolu 78(7) tar Regolament (KE) Nru 1083/2006 (2007–2013), l-Artikoli 44 u 45 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (2014–2020), u l-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2021/1060 (2021–2027). L-***Anness III*** jiġbor fil-qosor id-dispożizzjonijiet prinċipali għall-perjodi differenti. B'mod ġenerali, id-dispożizzjonijiet komuni jipprevedu obbligu sabiex jerġgħu jintużaw ir-rimborżi mir-riċevituri finali, għalkemm ir-rekwiżiti ta' x'sura jieħu l-użu mill-ġdid huma differenti fit-tliet perjodi, u saru aktar speċifiċi mill-perjodu 2014–2020 'il hawn.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

16 L-awditu li wettaqna vvaluta l-effett rotanti tal-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni, u l-punt sa fejn immaterjalizza fil-prattika, kemm matul kif ukoll wara l-perjodi ta' eliġibbiltà, billi ħares lejn jekk:

- il-potenzjal tal-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni għal użu aktar kontinwu tal-fondi ġiex sfruttat b'mod effettiv; u
- il-qafas stabbilit għall-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni inċentivax l-użu mill-ġdid tagħhom.

17 Sabiex nirrispondu għall-mistoqsijiet tal-awditjar tagħna, ivvalutajna kif ġie indirizzat ir-rekwiżit tal-użu mill-ġdid u kif immaterjalizza fil-prattika. Dan fuq kampjun ta' 90 strument finanzjarju (28 fond speċifiku individwali u 5 fondi ta' parteċipazzjoni inklużi 62 fond speċifiku) minn 5 Stati Membri (il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja u s-Slovakkja) li rċevew appoġġ fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni mill-FEŻR, mill-FK, mill-FSE u mill-YEI. L-għażla kienet tinkludi 22 strument finanzjarju mill-perjodu 2007–2013, 61 mill-perjodu 2014–2020, u 7 mill-perjodu 2021–2027 (l-*Anness IV*). Il-kriterji tal-għażla tagħna ħadu kont tal-allokazzjonijiet totali, assoluti u relattivi, mill-fondi ta' koeżjoni li l-Istati Membri taw lil strumenti finanzjarji. Minħabba r-rekwiżiti legali parzjalment differenti għat-tliet perjodi, u minħabba li l-implimentazzjoni għall-perjodu 2021–2027 għadha fi stadju bikri, aħna awditjajna l-użu mill-ġdid reali tar-rimborżi matul il-perjodu 2014–2020, l-użu mill-ġdid reali tal-fondi li jintirtu wara l-perjodi 2007–2013 u 2014–2020, kif ukoll l-arranġamenti korrispondenti fis-seħħ għall-perjodu 2021–2027. Id-data limitu għall-awditu li wettaqna kienet it-30 ta' Settembru 2024.

18 Ix-xogħol tal-awditjar li wettaqna kien jinvolvi:

- rieżaminar tal-qafas ġuridiku u l-gwida li l-Kummissjoni pprovdiet lill-Istati Membri dwar l-użu mill-ġdid fil-perjodi ta’ programmazzjoni differenti, u vvalutajna l-punt sa fejn dawn inċentivaw l-użu mill-ġdid;
- analiżi tad-*data* mis-sistema ta’ monitoraġġ tal-Kummissjoni għal strumenti finanzjarji;
- intervisti mal-persunal tal-Kummissjoni, tal-BEI u tal-FEI;
- għall-istrumenti finanzjarji magħżula:
  - rieżaminar tad-dokumenti ta’ programmazzjoni, ir-rapporti ta’ implimentazzjoni, il-valutazzjonijiet *ex ante*, u l-ftehimiet ta’ finanzjament;
  - intervisti mal-awtoritajiet maniġerjali u l-maniġers tal-fondi biex niġbru informazzjoni dwar l-użu mill-ġdid tar-rimborżi fl-istrumenti finanzjarji individwali.

# Anness II — Dispożizzjonijiet tal-ftehim ta’ finanzjament dwar l-użu mill-ġdid wara l-perjodu ta’ eliġibbiltà (fondi li jintirtu), strumenti finanzjarji fit-tliet perjodi kollha

| *Pajjiż* | *Isem l-istrument finanzjarju* | *Perjodu* | *Użu wara l-perjodu* |
|---|---|---|---|
| **Il-Ġermanja** | **KMU-Darlehensfonds Berlin** | **2007 - 2013** | sakemm isir l-istralċ (2025) fl-istess strument u aktar tard għal skopijiet simili (appoġġ għall-SMEs) |
| | | **2014 - 2020** | sakemm isir l-istralċ (2031) fl-istess strument u aktar tard għal skopijiet simili (appoġġ għall-SMEs), skont id-deċiżjoni tal-gvern reġjonali |
| | | **2021 - 2027** | sakemm isir l-istralċ (2037) fl-istess strument u aktar tard għal żvilupp ekonomiku reġjonali fil-futur |
| | **Mikromezzaninefonds Deutschland Bund (MMFI)** | **2007 - 2013** | biex jagħti appoġġ lil fond nazzjonali ġdid jew l-ERP-SV u appoġġ lill-SMEs (permezz ta’ finanzjament mikromezzanine) |
| | **Mikromezzaninefonds Deutschland Bund (MMFII)** | **2014 - 2020** | biex jagħti appoġġ lil fond nazzjonali ġdid jew l-ERP-SV u appoġġ lill-SMEs (permezz ta’ finanzjament mikromezzanine) |
| | **Mikromezzaninefonds Deutschland Bund (MMFIII)** | **2021 - 2027** | b’konformità mal-Artikolu 60(2) u 62 (2) tar-RDK 2021/1060 fi strumenti finanzjarji oħra jew f’forom oħra ta’ appoġġ għall-promozzjoni ta’ skopijiet simili |
| | **Stadtentwicklungsfonds Brandenburg** | **2007 - 2013** | għall-finanzjament ta’ proġetti ta’ żvilupp urban fi Brandenburg |
| | **KMU-Darlehensfonds Sachsen-Anhalt** | **2007 - 2013** | għal skopijiet simili (appoġġ għall-SMEs) abbażi ta’ deċiżjonijiet individwali tal-gvern reġjonali |
| | **Thüringen Dynamik** | **2007 - 2013** | biex jappoġġa skopijiet simili (appoġġ għall-SMEs), inkluża l-kontribuzzjoni għall-baġit tal-fond suċċessur (Thüringen Dynamik II) |
| | | **2014 - 2020** | biex jappoġġa skopijiet simili fi strument finanzjarju ġdid jew forom oħra ta’ appoġġ (appoġġ għall-SMEs) |

| *Pajjiż* | *Isem l-istrument finanzjarju* | *Perjodu* | *Użu wara l-perjodu* |
|---|---|---|---|
| **Il-Greċja** | **TEPIX I** | **2007 - 2013** | (1) għal investimenti addizzjonali permezz tal-Fond ta' Intraprenditorija fi strumenti finanzjarji eżistenti jew ġodda (b'mod partikolari fl-azzjoni "TEPIX – Business Restart") – bl-approvazzjoni tal-Kumitat ta' Investiment;<br>(2) ikopri l-kostijiet/it-tariffi ta' ġestjoni;<br>(3) jiffinanzja azzjonijiet oħra għall-appoġġ tal-intraprenditorija. |
| | **TEPIX II** | **2014 - 2020** | wara deċiżjoni mill-Istat Grieg (skont il-ħtieġa kontinwa għal investimenti bħal dawn jew forom oħra ta' appoġġ) |
| | **TEPIX III** | **2021 - 2027** | wara deċiżjoni mill-Istat Grieg (skont il-ħtieġa kontinwa għal investimenti bħal dawn jew forom oħra ta' appoġġ) |
| | **HELTEP Garanzija** | **2007 - 2013** | wara deċiżjoni mill-Istat Grieg (skont il-ħtieġa kontinwa għal investimenti bħal dawn jew forom oħra ta' appoġġ) |
| | **EQUIFUND** | **2014 - 2020** | wara deċiżjoni mill-Istat Grieg (skont il-ħtieġa kontinwa għal investimenti bħal dawn jew forom oħra ta' appoġġ) |
| | **Garanzija COVID-19** | **2014 - 2020** | għal aktar investimenti (permezz tal-estensjoni tal-fond mill-Istat Grieg) u biex ikopri t-tariffi u l-kostijiet ta' ġestjoni u l-kostijiet mhux previsti |
| **L-Ungerija** | **Selfa OP GOP** | **2007 - 2013** | Mhux divulgat: ftehim ta' finanzjament mhux ipprovdut |
| | **OP KMR Venture** | **2007 - 2013** | |
| | **Prijorità 8 tal-GINOP Fond ta' Parteċipazzjoni (22 fond speċifiku)** | **2014 - 2020** | l-awtorità maniġerjali twettaq l-evalwazzjonijiet meħtieġa u tiddeċiedi dwar l-użu mill-ġdid |
| | **Self EFOP** | **2014 - 2020** | l-awtorità maniġerjali twettaq l-evalwazzjonijiet meħtieġa u tiddeċiedi dwar l-użu mill-ġdid |
| | **Self GINOP Plusz** | **2021 - 2027** | |

| *Pajjiż* | *Isem l-istrument finanzjarju* | *Perjodu* | *Użu wara l-perjodu* |
|---|---|---|---|
| **L-Italja** | **Fondo di Sostegno JESSICA SICILIA** | **2007 - 2013** | investimenti ulterjuri tal-istess fond jew trasferiment tal-fondi lill-awtorità maniġerjali |
| | **Fond ta' Parteċipazzjoni Fare Lazio (3 fondi speċifiċi)** | **2007 - 2013** | għal aktar investimenti permezz tad-deċiżjoni tal-maniġer tal-fondi u l-awtorità maniġerjali |
| | **Fond ta' parteċipazzjoni Fondo Azioni Riposizionamento dell' Economia del Lazio (4 fondi speċifiċi)** | **2014 - 2020** | għal aktar investimenti permezz tad-deċiżjoni tal-maniġer tal-fondi u l-awtorità maniġerjali |
| | **POR Puglia Microcredito** | **2014 - 2020** | għal aktar investimenti fl-istess strument finanzjarju jew, fi strumenti oħra (abbażi ta' valutazzjoni tas-suq) |
| | **NP Ricerca, Innovazione e Competitività per la Transizione Verde e Digitale (MIMIT)** | **2021 - 2027** | għal mill-inqas 8 snin minn dakinhar 'il quddiem, il-Ministeru għandu jistabbilixxi – abbażi ta' valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq – il-kriterji għall-użu mill-ġdid possibbli tagħhom għal skopijiet konsistenti ma' dawk identifikati fil-Programm nazzjonali għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Kompetittività għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u Diġitali 2021 - 2027, kemm jekk permezz tal-istess strument finanzjarju jew permezz ta' strumenti finanzjarji oħra jew interventi. |
| **Is-Slovakkja** | **ROP Jessica – Fond tal-Istat għall-Iżvilupp tad-Djar (SHDF)** | **2007 - 2013** | għal aktar investimenti fl-istess strument finanzjarju |
| | **IROP PA 4 – Fond tal-Istat għall-Iżvilupp tad-Djar (SHDF)** | **2014 - 2020** | għal investimenti ulterjuri fl-istess strument finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2031 |
| | **OP SK PA 2P1 – Stat Fond għall-Iżvilupp tad-Djar (SHDF)** | **2021 - 2027** | għal investimenti ulterjuri fl-istess strument finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2037 |
| | **OP CEG Jeremie – Fond ta' Parteċipazzjoni (8 fondi speċifiċi)** | **2007 - 2013** | prinċipalment għall-benefiċċju tal-SMEs |
| | **OP II PA 11 – Fond ta' Parteċipazzjoni (24 fond speċifiku)** | **2014 - 2020** | skont l-Artikolu 45 tar-RDK 1303/2013 |

*Nota:* l-informazzjoni li tinsab f'din it-tabella tirreferi għal-livell tal-fondi ta' parteċipazzjoni. Il-31 fond murija fit-tabella b'kollox jinkludu 90 fond speċifiku.

*Sors:* il-QEA, abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet maniġerjali.

# Anness III — Dispożizzjonijiet għall-użu mill-ġdid fir-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Komuni għall-perjodi 2007–2013, 2014–2020 u 2021–2027

| | 2007–2013 — ir-<br>Regolament (KE) Nru 1083/2006 | 2014–2020 — ir-<br>Regolament (UE) Nru 1303/2013 | 2021–2027 — ir-<br>Regolament (UE) 2021/1060 |
|---|---|---|---|
| **Użu mill-ġdid matul il-perjodu** | Abbażi tal-Artikolu 78(7):<br><br>L-Istati Membri (awtoritajiet maniġerjali) għandhom obbligu ġenerali biex **jerġgħu jużaw ir-rimborż ta' kwalunkwe riżorsa** li tkun ġiet imħallsa lura lill-istrument ta' inġinerija finanzjarja li hija **attribwibbli għall-kontribuzzjoni mill-Fondi Strutturali**:<br><br>(1) għal aktar investimenti; jew<br><br>(2) biex jiġu koperti l-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni tal-istrument ta' inġinerija finanzjarja; jew<br><br>(3) billi jiġu allokati lill-awtoritajiet kompetenti għal użu ulterjuri għall-benefiċċju tal-istess tip ta' azzjoni(jiet) (li għalihom inħoloq l-istrument finanzjarju) u l-istess reġjun. | Abbażi tal-Artikolu 44(1):<br><br>**Ir-riżorsi mħallsa lura** lill-istrumenti finanzjarji minn investimenti jew mir-rilaxx ta' riżorsi ddedikati jew kwalunkwe dħul ieħor iġġenerat mill-investimenti, li huma **attribwibbli għas-sostenn mill-Fondi ESI, għandhom jerġgħu jintużaw** għall-iskopijiet li ġejjin:<br><br>(1) aktar investimenti permezz tal-istess strumenti finanzjarji jew strumenti finanzjarji oħra, b'konformità mal-objettivi speċifiċi stipulati taħt prijorità;<br><br>(2) fejn applikabbli, ir-remunerazzjoni preferenzjali ta' investituri privati, jew investituri pubbliċi li joperaw skont il-prinċipju tal-ekonomija tas-suq;<br><br>(3) fejn applikabbli, ir-rimborż tal-kostijiet ta' ġestjoni/il-pagament ta' tariffi ta' ġestjoni tal-istrument finanzjarju. | Abbażi tal-Artikolu 62(1):<br><br>Riżorsi mħallsa lura, **attribwibbli għall-appoġġ mill-Fondi**, għandhom jintużaw mill-ġdid:<br><br>(1) **fl-istess jew**<br><br>(2) **fi strumenti finanzjarji oħra għal investiment ulterjuri fir-riċevituri finali**;<br><br>(3) sabiex **jiġi kopert it-telf** fl-ammont nominali tal-kontribuzzjoni tal-Fondi lill-istrument finanzjarju li jirriżulta mill-imgħax negattiv, jekk tali telf iseħħ minkejja ġestjoni attiva tat-teżor, jew<br><br>(4) għal kwalunkwe **kost u tariffa ta' ġestjoni** assoċjati ma' tali investimenti ulterjuri.<br><br>b'kunsiderazzjoni tal-**prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba** |

| | 2007–2013 — ir-<br>Regolament (KE) Nru 1083/2006 | 2014–2020 — ir-<br>Regolament (UE) Nru 1303/2013 | 2021–2027 — ir-<br>Regolament (UE) 2021/1060 |
|---|---|---|---|
| **Użu mill-ġdid wara li jintemm il-perjodu (fondi li jintirtu)** | In-nota ta' gwida tal-Kummissjoni (COCOF 10–0014–05) tindika li **l-użu mill-ġdid tar-riżorsi mħallsa lura jista' jseħħ sa u lil hinn minn tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà** (il-31 ta' Diċembru 2015), u mhuwiex suġġett għal xi data ta' skadenza, li jwassal għal **durata teoretika indefinita**. | L-Artikolu 45: **L-Istati Membri għandhom jadottaw** il-**miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat** li r-riżorsi mħallsa lura lill-istrumenti finanzjarji, inkluż il-pagamenti lura kapitali u d-dħul u qligħ u rendimenti oħra ġġenerati matul **perjodu ta' mill-inqas 8 snin wara tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà, li huma attribwibbli għas-sostenn mill-Fondi ESI** għall-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 37, **jiġu użati mill-ġdid f'konformità mal-għanijiet tal-programm jew programmi**, jew<br>(1) fl-**istess strument finanzjarju** jew,<br>(2) wara l-ħruġ ta' dawk ir-riżorsi mill-istrument finanzjarju, fi **strumenti finanzjarji oħra** dment li, fiż-żewġ każijiet, valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq turi ħtieġa persistenti għal investiment bħal dan jew<br>(3) **f'forom oħra ta' sostenn**. | L-Artikolu 62(2): **L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat** li r-riżorsi msemmija fil-paragrafu 1 u mħallsa lura lill-istrumenti finanzjarji **matul perjodu ta' mill-inqas 8 snin wara tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà**, **jiġu użati mill-ġdid f'konformità mal-objettivi tal-programm jew programmi** taħt liema twaqqfu, jew<br>(1) fl-**istess strument finanzjarju** jew<br>(2) **fi strumenti finanzjarji oħra** jew<br>(3) **f'forom oħra ta' appoġġ**. |

# Anness IV — Lista tal-istrumenti finanzjarji awditjati

| | Isem tal-fond | Perjodi |
|---|---|---|
| **Il-Ġermanja** | | |
| 1–3. | KMU-Darlehensfonds Berlin | 2007–2013,<br>2014–2020,<br>2021–2027 |
| 4–6. | Mikromezzaninefonds Deutschland Bund | 2007–2013,<br>2014–2020,<br>2021–2027 |
| 7. | Stadtentwicklungsfonds Brandenburg | 2007–2013 |
| 8. | KMU Darlehensfonds Sachsen–Anhalt | 2007–2013 |
| 9–11. | Thüringen Dynamik | 2007–2013,<br>2014–2020,<br>2021–2027 |
| **Il-Greċja** | | |
| 12. | TEPIX I | 2007–2013 |
| 13. | TEPIX II | 2014–2020 |
| 14. | TEPIX III | 2021–2027 |
| 15. | Garanzija HELTEP | 2007–2013 |
| 16. | EQUIFUND | 2014–2020 |
| 17. | Garanzija tal-COVID–19 | 2014–2020 |
| **L-Ungerija** | | |
| 18. | OP GOP Loan | 2007–2013 |
| 19. | OP KMR Venture | 2007–2013 |
| **Fond ta' Investiment fl-ambitu tal-Prijorità 8 tal-GINOP** | | |
| **Fondi ta' self speċifiċi** | | |
| 20. | Vállalatok K+F+I tevékenységének támogatása Hitelprogram (GINOP–8.1.1–16) | 2014–2020 |
| 21. | Újgenerációs Hozzáférési Hálózat (NGA) és körzethálózatok fejlesztése hitel (GINOP–8.2.1–3.4.1–15) | 2014–2020 |
| 22. | Digitális Jólét Pénzügyi Program hitel | 2014–2020 |

| | Isem tal-fond | Perjodi |
|---|---|---|
| 23. | Mikro-, kis- és középvállalkozások versenyképességének növelése célú hitelprogram (GINOP-8.3.1-16) | 2014–2020 |
| 24. | Mikro- és Kisvállalkozások technológiai korszerűsítése célú hitel | 2014–2020 |
| 25. | Mikro-, kis- és középvállalkozások technológiai korszerűsítése célú Hitelprogram – forgóeszköz hitel | 2014–2020 |
| 26. | Lakóépületek energiahatékonyságának és megújuló energia felhasználásának növelését célzó hitel | 2014–2020 |
| 27. | KKV energia hitel (GINOP-8.4.1/B-16) | 2014–2020 |
| 28. | Foglalkoztatás ösztönzése célú Hitelprogram (GINOP-8.8.1-17) | 2014–2020 |
| **Self ta’ fondi speċifiċi kkombinat ma’ għotjiet** | | |
| 29. | Vállalatok K+F+I tevékenységének támogatása kombinált hiteltermék keretében (GINOP-2.1.2-8.1.4-16) | 2014–2020 |
| 30. | Az infokommunikációs ágazatban működő mikro-, kis- és középvállalkozások által előállított termékek és szolgáltatások piacosításának, nemzetközi piacokra való belépésének támogatása (GINOP-3.1.2-8.2.4-16) | 2014–2020 |
| 31. | Vállalati komplex infokommunikációs és mobilfejlesztések, felhőalapú online üzleti szolgáltatások terjesztésének támogatása (GINOP-3.2.2-8.2.4-16) | 2014–2020 |
| 32. | Felhőalapú (IaaS, PaaS, SaaS) vállalati szolgáltatások, IKT megoldások fejlesztésének és piaci bevezetésének támogatása (GINOP-3.2.4-8.2.4-16) | 2014–2020 |
| 33. | Versenyképes vállalatok tevékenységének emelt szintű digitalizálása (GINOP-3.2.6-8.2.4-17) | 2014–2020 |
| 34. | Mikro-, kis- és középvállalkozások kapacitásbővítő beruházásainak támogatása kombinált hiteltermék keretében (GINOP-1.2.3-8.3.4-16) | 2014–2020 |
| 35. | Élelmiszeripari komplex beruházások támogatása kombinált hiteltermékkel (GINOP-1.2.6-8.3.4-16) | 2014–2020 |
| 36. | Megújuló energia használatával megvalósuló épületenergetikai fejlesztések támogatása kombinált hiteltermékkel (GINOP-4.1.1-8.4.4-16) | 2014–2020 |
| **Fondi speċifiċi: Kapital ta’ riskju** | | |
| 37. | Nemzeti Technológiai és Szellemi Tulajdon kockázati tőkeprogram | 2014–2020 |
| 38. | Intelligens szakosodási kockázati tőkeprogram | 2014–2020 |
| 39. | Specializált seed és pre-seed befektetési tőkealap induló IKT vállalkozások számára új ötletekhez, új piacra lépéshez – kockázati tőke | 2014–2020 |
| 40. | Üzleti infokommunikációs, digitalizációs tőkealap | 2014–2020 |

| | Isem tal-fond | Perjodi |
|---|---|---|
| 41. | Digitális Jólét Pénzügyi Program tőkeprogram | 2014–2020 |
| 42. | Strument finanzjarju ta’ Prijorità 5 tal-Programm Operazzjonali għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani: Self għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni soċjali, l-innovazzjoni soċjali u l-kooperazzjoni tranżnazzjonali | 2014–2020 |
| 43. | GINOP Plusz Holding Fund | 2021–2027 |
| **L-Italja** | | |
| 44. | Fondo di Sostegno JESSICA SICILIA | 2007–2013 |
| **Fond ta’ Parteċipazzjoni (Fondo Ingegneria Finanziara — IF)** | | |
| 45. | Il-Lazio: Asse I (Kapital Operatorju) — “Fondo di partecipazione IF — Fondo per il finanziamento del capitale circolante e degli investimenti produttivi delle PMI” | 2007–2013 |
| 46. | Il-Lazio: Asse I (Kapitalizzazzjoni) —“Fondo di Ingegneria Finanziaria a favore delle PMI a valere sul POR FESR Lazio 2007-2013 — Fondo di Patrimonializzazione PMI | 2007–2013 |
| 47. | Il-Lazio: Asse I (Negozju ġdida) — “Fondo di partecipazione IF — Fondo per prestiti partecipativi alle Start-up” | 2007–2013 |
| **Fond ta’ parteċipazzjoni (Fondo Azioni Riposizionamento dell’ Economia del Lazio — FARE Lazio (Asse 3)** | | |
| 48. | Il-Lazio: Fondo Rotativo per il Piccolo Credito (FRPC azione 3.6.1) | 2014–2020 |
| 49. | Il-Lazio: Emergenza COVID-19 — Fondo Rotativo per il Piccolo Credito (Azione 3.6.1) | 2014–2020 |
| 50. | Il-Lazio: Fondo Rotativo per il Piccolo Credito (FRPC azione 3.3.1) | 2014–2020 |
| 51. | Il-Lazio: Fondo di Riassicurazione (FdR azione 3.6.1) | 2014–2020 |
| 52. | POR Puglia Microcredito | 2014–2020 |
| 53. | NP Ricerca, Innovazione e Competitività per la Transizione Verde e Digitale | 2021–2027 |
| **Is-Slovakkja** | | |
| 54. | ROP Jessica — SFRB | 2007–2013 |
| 55. | IROP PA 4 — SFRB | 2014–2020 |
| 56. | IROP PA 4 II — SFRB | 2014–2021 |
| 57. | OP SK PA 2P1 — SFRB | 2021–2027 |
| **OP CEG Jeremie — Fond ta’ Parteċipazzjoni SIH** | | |
| 58. | FLPG_SLSP, Bratislava | 2007–2013 |
| 59. | FLPG_SZRB, Bratislava | 2007–2013 |
| 60. | FLPG_Tatra, Bratislava | 2007–2013 |

| | Isem tal-fond | Perjodi |
|---|---|---|
| 61. | FLPG_UniCredit, Bratislava | 2007–2013 |
| 62. | PRSL_II_SZRB, Bratislava | 2007–2013 |
| 63. | PRSL_II_TATRA, Bratislava | 2007–2013 |
| 64. | PRSL_OTP + PRSL_II_OTP, Bratislava | 2007–2013 |
| 65. | PRSL_SBERBANK + PRSL_II_SBERBANK, Bratislava | 2007–2013 |
| **OP II PA 11 — Fond ta’ Partečipazzjoni** | | |
| 66. | OP II PA 11 — PRSL_SZRB | 2014–2020 |
| **OP II PA 11 — Fondi ta’ Kapital ta’ Riskju** | | |
| 67. | Priame investicie | 2014–2020 |
| 68. | Seed/Start-up Capital Fund_CBGO | 2014–2020 |
| 69. | Seed/Start-up Capital Fund_VVGI | 2014–2020 |
| 70. | Seed/Start-up Capital Fund_ZGCFI | 2014–2020 |
| **OP II PA 11 — Fondi ta’ garanzija** | | |
| 71. | FLPG_SIHAZ1_BKS | 2014–2020 |
| 72. | FLPG_SIHAZ1_CSOB | 2014–2020 |
| 73. | FLPG_SIHAZ1_Oberbank | 2014–2020 |
| 74. | FLPG_SIHAZ1_OTP | 2014–2020 |
| 75. | FLPG_SIHAZ1_SLSP | 2014–2020 |
| 76. | FLPG_SIHAZ1_TB | 2014–2020 |
| 77. | FLPG_SIHAZ1_UCB | 2014–2020 |
| 78. | FLPG_SIHAZ1_VUB | 2014–2020 |
| 79. | FLPG_SIHAZ2A_BKS | 2014–2020 |
| 80. | FLPG_SIHAZ2A_CSOB | 2014–2020 |
| 81. | FLPG_SIHAZ2A_J&T | 2014–2020 |
| 82. | FLPG_SIHAZ2A_Oberbank | 2014–2020 |
| 83. | FLPG_SIHAZ2A_OTP | 2014–2020 |
| 84. | FLPG_SIHAZ2A_PB | 2014–2020 |
| 85. | FLPG_SIHAZ2A_SLSP | 2014–2020 |
| 86. | FLPG_SIHAZ2A_SZRB | 2014–2020 |
| 87. | FLPG_SIHAZ2A_TB | 2014–2020 |

| | Isem tal-fond | Perjodi |
|---|---|---|
| 88. | FLPG_SIHAZ2A_UCB | 2014–2020 |
| 89. | FLPG_SIHAZ2A_VUB | 2014–2020 |
| 90. | FLPG_UNICREDIT | 2014–2020 |

# Abbrevjazzjonijiet

**BEI:** Bank Ewropew tal-Investiment

**COCOF:** Kumitat ta’ Koordinazzjoni tal-Fondi

**COVID-19:** Il-marda tal-coronavirus fl-2019

**CPR:** Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni għall-fondi taħt il-politika ta’ koeżjoni

**ERP:** Programm għall-Irkupru Ewropew (Pjan Marshall)

**FEI:** Fond Ewropew tal-Investiment

**FEŻR:** Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

**FSE:** Fond Soċjali Ewropew

**FSIE**: Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej

**SME:** Intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju

# Glossarju

**Benefiċjarju:** Persuna fiżika jew ġuridika li tirċievi għotja jew selfa mill-baġit tal-UE biex timplimenta proġett jew programm. Fil-każ ta' strumenti finanzjarji taħt il-politika ta' koeżjoni, il-benefiċjarju huwa l-maniġer tal-fond.

**Fondi li jintirtu:** Riżorsi li jkun għad fadal minn strument finanzjarju biex jerġgħu jintużaw wara tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà tiegħu.

**Garanzija:** Impenn minn garanti biex iħallas lura kwalunkwe ammont pendenti fuq selfa jekk il-mutwatarju jsir inadempjenti, skont it-termini miftiehma.

**Ingranaġġ:** L-effett ta' ingranaġġ tal-istrumenti finanzjarji appoġġati mill-FSIE huwa t-total tal-ammont ta' finanzjament mill-FSIE u tar-riżorsi privati u pubbliċi addizzjonali miġbura, diviż mill-ammont nominali tal-kontribuzzjoni mill-fondi SIE.

**Investiment ta' ekwità/riskju:** Flus investiti f'kumpanija bi skambju għal interess proprjetarju u sehem mill-profitti.

**Perjodu ta' eliġibbiltà:** Iż-żmien li matulu n-nefqa mġarrba tista' tiġi (ko) ffinanzjata mill-UE. Fil-każ tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014–2020, pereżempju, dan il-perjodu beda fid-data li fiha ġie ppreżentat programm lill-Kummissjoni jew fl-1 ta' Jannar 2014 (skont liema minnhom ġie l-ewwel) u ntemm fil-31 ta' Diċembru 2023.

**Rata ta' garanzija:** Il-porzjon massimu tal-valur ta' kull self (jiġifieri fuq bażi ta' self b'self), kopert mill-garanzija. Hija tiddetermina sa liema punt il-garanti se jindennizza lis-sellief f'każ ta' inadempjenza.

**Rata tal-limitu massimu tal-garanzija:** Il-perċentwal jew l-ammont massimu tas-self, jew il-portafoll totali, li tkopri garanzija b'limitu massimu. Hija tistabbilixxi limitu superjuri fuq l-obbligazzjoni tal-garanti għat-telf.

**Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni:** Regolament li jistabbilixxi r-regoli li japplikaw għal tmien fondi tal-UE, inklużi l-erba' fondi taħt il-politika ta' koeżjoni. Ir-Regolament attwali jkopri l-perjodu 2021–2027.

**Riċevitur finali:** Persuna, jew entità legali li fl-aħħar mill-aħħar tibbenefika minn attività ffinanzjata mill-UE li tkun inbdiet jew twettqet minn benefiċjarju ta' għajnuna mill-UE.

**Rimborżi:** L-ammont ta' rimborżi mir-riċevituri finali li jmorru lura fl-istrument finanzjarju.

**Strument finanzjarju:** Appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-UE fil-forma ta' investimenti ta' ekwità jew kważi-ekwità, self jew garanziji, jew strumenti oħra għall-kondiviżjoni tar-riskji.

**Użu rotanti:** Ir-rimborżi miġbura mir-riċevituri finali (eż. self li jħallsu lura) jerġgħu jintużaw biex jipprovdu appoġġ simili lil riċevituri finali oħra.

# Risposti tal-Kummissjoni

https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2025-24

# Kronoloġija

https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2025-24

# Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla II tal-Awditjar — Investiment għall-koeżjoni, it-tkabbir u l-inklużjoni, li hija mmexxija minn Annemie Turtelboom, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Alejandro Blanco Fernández, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Calin-Ion Chira, Kap tal-Kabinett u Juan Antonio Vazquez Rivera, Attaché tal-Kabinett; Friedemann Zippel, Maniġer Prinċipali; Ágota Krénusz, Kap tal-Kompitu; Petr Jirman, Deputat Kap tal-Kompitu; Chrysanthi Pournara, Federica Di Marcantonio u Manja Ernst, Awdituri; Zuzana Jiraskova, Trainee.



*Mix-xellug għal-lemin:* Federica di Marcantonio, Juan Antonio Vazquez Rivera, Chrysanthi Pournara, Friedemann Zippel, Alejandro Blanco Fernández, Petr Jirman, Agota Krenusz, Calin-Ion Chira, Manja Ernst.

# DRITTIJIET TAL-AWTUR

© Unjoni Ewropea, 2025

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat sakemm jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandha tkun responsabbli għall-ebda konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti tal-persunal tal-QEA, jew jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb permess ta' dan it-tip, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Ritratt tal-qoxra: © Vodkaz – stock.adobe.com.

Il-Figuri 1, 3 u l-Figura 1 fl-Anness tfasslu bl-użu ta' riżorsi minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

**Użu tal-logo tal-QEA**

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.


| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| HTML | ISBN 978-92-849-5982-2 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/2568243 | QJ-01-25-056-MT-Q |
| PDF | ISBN 978-92-849-5983-9 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/2760623 | QJ-01-25-056-MT-N |

## KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 24/2025: "L-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' Koeżjoni — Fondi li jiġu rimborżati jerġgħu jintużaw parzjalment", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

**Wieħed mill-vantaġġi li għandhom l-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni meta mqabbla mal-għotjiet huwa li r-rimborżi jistgħu jintużaw biex jappoġġaw riċevituri finali addizzjonali. Dan iwassal għal użu aktar effiċjenti tal-finanzjament pubbliku. Ix-xogħol li wettaqna kkonkluda li matul il-perjodu ta' eliġibbiltà r-rimborżi reġgħu ntużaw biss b'mod limitat, parzjalment minħabba raġunijiet aċċettabbli, bħan-natura għal żmien twil tal-investimenti. Wara l-perjodu ta' eliġibbiltà, ir-rimborżi ġeneralment jerġgħu jintużaw għall-iskopijiet tal-politika ta' koeżjoni, iżda b'limitazzjonijiet. Aħna sibna li l-qafas legali dwar l-obbligu ta' użu mill-ġdid ma kienx ċar u espliċitu biżżejjed. Sibna wkoll nuqqas ta' sorveljanza effettiva min-naħa tal-Kummissjoni, li wassal għal prattiki differenti fost l-awtoritajiet maniġerjali tal-Istati Membri. Nirrakkommandaw li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jfittxu li jimmassimizzaw ir-rimborżi għal użu aktar effiċjenti tal-finanzi tal-UE.**

*Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.*

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Media soċjali: @EUauditors